GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI
U D-DRITTIJIET TAT-TFAL

# PJAN TA' AZZJONI NAZZJONALI

## GĦAL GARANZIJA GĦAT-TFAL

2022-2030



ISBN: 978-9918-0-0325-9

# PJAN TA' AZZJONI NAZZJONALI GĦAL GARANZIJA GĦAT-TFAL

## 2022-2030

# WERREJ


DAĦLA TAL-MINISTRU ........ 7
MESSAĠĠ MIS-SEGRETARJU PERMANENTI ........ 9
SOMMARJU EŻEKUTTIV ........ 11

**1. SFOND ........ 13**
1.1 X'INHI L-GARANZIJA EWROPEA GĦAT-TFAL? ........ 13
1.2 IL-KUNTEST NAZZJONALI ........ 13
1.2.1 IT-TFAL FIR-RISKJU TAL-FAQAR JEW TAL-ESKLUŻJONI SOĊJALI (AROPE) ........ 14
1.3 QAFAS TA' POLITIKA INTEGRAT U TA' ABILITAZZJONI ........ 15

**2. GRUPP FIL-MIRA SPEĊIFIKU U SERVIZZI EWLENIN ........ 19**
2.1 TFAL F'FAMILJI F'SITWAZZJONIJIET PREKARJI ........ 19
2.2 IL-PROTEZZJONI SOĊJALI GĦAL TFAL F'FAMILJI F'SITWAZZJONIJIET PREKARJI ........ 20
2.3 L-EDUKAZZJONI U L-KURA BIKRIJA TAT-TFAL, L-EDUKAZZJONI INKLUŻIVA U ATTIVITAJIET IBBAŻATI FL-ISKOLA, INKLUŻA IKLA BNINA KULL JUM TAL-ISKOLA ........ 22
2.4 IL-KURA TAS-SAĦĦA ........ 32
2.5 NUTRIZZJONI TAJBA GĦAS-SAĦĦA ........ 39
2.6 AKKOMODAZZJONI ADEGWATA ........ 41

**3. MIŻURI PPJANATI 2022-2027 ........ 45**

**4. SENSIBILIZZAZZJONI ........ 47**
4.1 L-EDUKAZZJONI U L-KURA BIKRIJA TAT-TFAL, L-EDUKAZZJONI INKLUŻIVA U ATTIVITAJIET IBBAŻATI FL-ISKOLA U IKLA BNINA KULL JUM TAL-ISKOLA ........ 47
4.2 IL-KURA TAS-SAĦĦA ........ 47
4.3 AKKOMODAZZJONI ADEGWATA ........ 48
4.4 IL-PROTEZZJONI SOĊJALI ........ 48

**5. FONDI TAL-UE (FSE+) ........ 51**

**6.IL-GOVERNANZA, IL-MONITORAĠĠ U R-RAPPORTAR ........ 53**
6.1IL-MONITORAĠĠ ........ 53
6.2 IR-RAPPORTAR ........ 53

**7. RIMARKI FINALI ........ 55**

# LISTA TA' TABELLI

**TABELLA 1.** IT-TFAL FIR-RISKJU TAL-FAQAR JEW TAL-ESKLUŻJONI SOĊJALI (0 SA 17-IL SENA) ............13

**TABELLA 2.** BENEFIĊĊJI SOĊJALI U SERVIZZI TA' PROTEZZJONI SOĊJALI ...............................................20

**TABELLA 3.** INIZJATTIVI LI JINDIRIZZAW OSTAKLI GĦALL-EDUKAZZJONI MATUL IT-TFULIJA.................24

**TABELLA 4.** MIŻURI BIEX JIĠI EVITAT IT-TLUQ BIKRI MILL-ISKOLA................................................................25

**TABELLA 5.** MIŻURI LI JFITTXU LI JIŻGURAW L-EDUKAZZJONI INKLUŻIVAMATUL IT-TFULIJA.................27

**TABELLA 6.** MIŻURI LI JINDIRIZZAW IN-NEĊESSITAJIET BAŻIĊI TAL-ISTUDENTI GĦALL-GĦOTI TA' EDUKAZZJONI TA' KWALITÀ FL-ISKEJJEL......................................................................29

**TABELLA 7.** MIŻURI LI JINDIRIZZAW L-AĊĊESS UGWALI GĦALL-KONNETTIVITÀ DIĠITALI, IL-KONTENUT EDUKATTIV ONLINE, U ŻIEDA FIL-ĦILIET DIĠITALI..............................................................30

**TABELLA 8.** TRASPORT MINGĦAJR ĦLAS GĦAL KULĦADD..........................................................................30

**TABELLA 9.** MIŻURI GĦAL AĊĊESS UGWALI U INKLUŻIV GĦAL ATTIVITAJIET IBBAŻATI FL-ISKOLA.......31

**TABELLA 10.** KARATTERISTIĊI EWLENIN TA' MIŻURI TAL-KURA TAS-SAĦĦA GĦALL-ISKRINJAR, IS-SEJBIEN U L-IMMUNIZZAZZJONI BIKRIJA.................................................................34

**TABELLA 11.** MIŻURI GĦAL AĊĊESS GĦAL PRODOTTI MEDIĊINALI...........................................................35

**TABELLA 12.** MIŻURI GĦAL KURA TAS-SAĦĦA MENTALI...............................................................................36

**TABELLA 13.** MIŻURI GĦAL TFAL B'DIŻABILITÀ ..............................................................................................37

**TABELLA 14.** MIŻURI RELATATI MAL-PROMOZZJONI TA' STILI TA' ĦAJJA TAJBIN GĦAS-SAĦĦA ...........38

**TABELLA 15.** PROVVEDIMENTI GĦAL NUTRIZZJONI TAJBA GĦAS-SAĦĦA................................................40

**TABELLA 16.** MIŻURI LI JINDIRIZZAW L-AKKOMODAZZJONI GĦAT-TFAL ..................................................43

**TABELLA 17.** MIŻURI PPJANATI GĦAL GARANZIJA GĦAT-TFAL ....................................................................45

**TABELLA 18.** INDIKATURI RILEVANTI .................................................................................................................53

# DAĦLA TAL-MINISTRU



## MICHAEL FALZON
Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal

It-tfal jirrappreżentaw il-futur tas-soċjetà tagħna, u bħala Gvern, aħna nġorru r-responsabbiltà li nagħmluha possibbli li t-tfal kollha jirnexxu.

Fis-snin reċenti, ġew stabbiliti diversi miżuri biex jiġi żgurat li, minn stadju bikri, it-tfal jingħataw l-aħjar opportunitajiet biex jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom. Barra minn hekk, ġew ittrasferiti dejjem aktar fondi biex jingħataw appoġġ u servizzi adegwati biex tittejjeb l-esperjenza tat-tfulija u biex isir kontribut lejn kwalità tal-ħajja aħjar.

Il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għal Garanzija għat-Tfal huwa wieħed mill-għodod li l-Gvern se juża biex itejjeb il-kwalità tal-ħajja tat-tfal, b'mod partikolari t-tfal vulnerabbli. Il-Pjan se jibni fuq il-qafas robust eżistenti biex it-tfal kollha jkunu jistgħu jimmassimizzaw il-potenzjal tagħhom. Huwa l-impenn tal-Gvern li jiżgura li, fil-fatt, it-tfal kollha jingħataw opportunitajiet ugwali ta' suċċess u li jkompli jtejjeb l-esperjenza tagħhom tat-tfulija. Ninsab konvint li biex intemmu ċ-ċiklu tal-faqar u tal-privazzjoni tul il-ġenerazzjonijiet, jeħtieġ li nżidu l-isforzi tagħna biex insaħħu l-inklużjoni soċjoekonomika tat-tfal kollha, u finalment naslu għal solidarjetà interġenerazzjonali ġenwina.

Għalhekk, il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għal Garanzija għat-Tfal se jkompli jiggarantixxi l-aċċess effettiv u mhux diskriminatorju għat-tfal vulnerabbli għal sett ta' servizzi ewlenin, inklużi l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni u n-nutrizzjoni tajba għas-saħħa.

Hekk kif qed noħorġu mill-pandemija globali tal-COVID-19, huwa dejjem aktar importanti li l-isforzi jkomplu jiġu sostnuti u kkonsolidati. Għal dan il-għan, il-Gvern wiegħed li jinvesti EUR 145 miljun matul il-ħames snin li ġejjin f'miżuri u inizjattivi biex ikompli jgħin lit-tfal kollha, b'mod partikolari lit-tfal fil-bżonn.

Ninsab fiduċjuż li l-impenn tagħna li ħadd ma jitħalla jibqa' lura, minqux fil-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali, se jkun ta' għajnuna kbira biex it-tfal u l-familji tagħhom jinħarġu mill-faqar u biex it-tfal kollha jiġu ggarantiti bidu ugwali fil-ħajja.

# MESSAĠĠ MIS-SEGRETARJU PERMANENTI



## MARK MUSU

Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal

L-aġenda tal-Gvern kienet immirata b'mod konsistenti lejn l-għoti tal-aħjar opportunitajiet possibbli lit-tfal biex jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom u jikbru f'individwi b'saħħithom, ikkwalifikati u attivi biex jipparteċipaw u jikkontribwixxu b'mod sinifikanti fis-soċjetà. Il-politika ġenerali fis-snin reċenti stinkat biex toffri lit-tfal spettru wiesa' ta' opportunitajiet fi prattikament l-isferi kollha tal-ħajja biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tagħhom u mwettqa l-aspirazzjonijiet tagħhom.

Madankollu, it-tfulija tibqa' stadju tal-ħajja kkaratterizzat minn vulnerabbiltà u sfidi relattivi, b'mod speċjali għat-tfal li jesperjenzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali. L-isforzi biex jiġu indirizzati l-faqar u l-esklużjoni soċjali, kif ukoll biex jiġu promossi u infurzati d-drittijiet tat-tfal, fis-snin reċenti wasslu għal tnaqqis globali ta' madwar 6 000 fl-għadd ta' tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE). Bla dubju, pass fid-direzzjoni t-tajba. Madankollu, jeħtieġ li l-isforzi jiġu sostnuti u jkomplu jiġu kkonsolidati biex jiġi żgurat li t-tfal kollha jgawdu minn opportunitajiet ugwali biex jirnexxu.

Il-Garanzija Ewropea għat-Tfal (ECG), li ġiet adottata fl-14 ta' Ġunju 2021, għandha l-għan li tipprevjeni u tiġġieled kontra l-esklużjoni soċjali billi tiggarantixxi għat-tfal fil-bżonn l-aċċess sħiħ għal sett ta' servizzi ewlenin, b'mod partikolari: fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, fl-edukazzjoni (inklużi attivitajiet ibbażati fl-iskola), fil-kura tas-saħħa u fl-akkomodazzjoni. Għal dan il-għan, l-Istati Membri ġew iggwidati biex jiżviluppaw Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali biex jiġġieldu kontra l-faqar fost it-tfal billi jiksru ċ-ċikli interġenerazzjonali tal-faqar u billi jrawmu opportunitajiet ugwali għat-tfal fil-bżonn.

F'Malta, it-tfal diġà jibbenefikaw minn għadd kbir ta' servizzi, b'mod speċjali fil-każ ta' tfal vulnerabbli. Minkejja dan, jenħtieġu aktar sforzi biex jiġu ssalvagwardjati l-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet ta' tfal vulnerabbli. F'dan il-kuntest, il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali ta' Malta għal Garanzija għat-Tfal se jibni fuq l-inizjattivi eżistenti u se jistinka sabiex jagħti lit-tfal kollha l-appoġġ meħtieġ biex jirnexxu u jilħqu l-potenzjal tagħhom irrispettivament mill-pożizzjoni inizjali tagħhom.

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

F'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill għal Garanzija Ewropea għat-Tfal, Malta impenjat ruħha li tiżviluppa Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali (NAP) li jiddeskrivi l-miżuri mmirati lejn tfal vulnerabbli. L-NAP jibni fuq oqfsa ta' politika eżistenti biex isaħħaħ l-isforzi lejn l-inklużjoni soċjali u jkisser iċ-ċikli interġenerazzjonali tal-faqar.

L-NAP jiddefinixxi "Tfal fil-bżonn" bħala tfal taħt it-18-il sena li huma fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE). Dan jirreferi, b'mod partikolari, għal tfal li jew:

**- jgħixu f'familji li huma fir-riskju tal-faqar; jew**
**- li jesperjenzaw privazzjoni materjali u soċjali severa; jew**
**- li jgħixu f'familji b'intensita ta' xogħol baxxa ħafna.**

Il-Garanzija ta' Malta għat-Tfal għandha fil-mira tagħha t-tfal kollha fir-riskju tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali, b'mod partikolari t-tfal f'familji f'sitwazzjonijiet prekarji. L-NAP jiddeskrivi diversi miżuri fil-proċess li attwalment jiġu adottati kif ukoll miżuri ppjanati li jiffokaw li jindirizzaw il-ħtiġijiet tat-tfal vulnerabbli.

Il-miżuri huma implimentati permezz tal-għoti ta' diversi servizzi mfassla speċifikament biex jiġu protetti t-tfal u l-familji tagħhom. Ix-"xibka ta' sigurta'" tal-protezzjoni soċjali diġà tikkostitwixxi firxa wiesgħa ta' miżuri biex tinżamm il-protezzjoni tat-tfal u tal-familja u huma għaldaqstant rilevanti fil-kuntest tal-NAP. Allowances, bonuses, benefiċċji u servizzi psikoterapewtiċi jew psikoedukattivi huma jingħataw bħalissa biex jiġi żgurat li t-tfal kollha, b'mod speċjali dawk vulnerabbli, jingħataw l-appoġġ meħtieġ biex jiġġieldu kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali.

L-iffaċilitar tal-aċċess għall-edukazzjoni jibqa' prijorità ewlenija, biex jiġi żgurat il-progress lejn popolazzjoni aktar ikkwalifikata u aktar kompetittiva; għaldaqstant, dan irawwem lit-tfal biex jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom. B'mod partikolari, l-NAP jiddeskrivi miżuri li jinkoraġġixxu l-attendenza fl-iskola, jagħtu appoġġ jew materjali addizzjonali għat-tagħlim lil dawk li jeħtiġuhom kif ukoll itejbu l-kwalità tal-edukazzjoni permezz ta' żieda fil-kapaċitajiet tal-edukaturi. Minbarra l-ambjenti edukattivi, l-NAP jippreżenta wkoll l-attivitajiet ta' qabel u ta' wara l-iskola, attivitajiet oħra relatati mal-kultura, u programmi tematiċi jew ta' sensibilizzazzjoni.

Il-kura tas-saħħa, kemm fiżika kif ukoll mentali, hija ggarantita permezz ta' aċċess mingħajr ħlas għat-tfal, li jinkludi l-iskrinjar u varjetà ta' vaċċinazzjonijiet f'ċerti punti taż-żmien matul is-snin bikrija tal-iżvilupp u tal-edukazzjoni tagħhom. Għadd kbir ta' mediċini huma wkoll mingħajr ħlas għal persuni li jbatu minn kundizzjonijiet kroniċi. Isiru disponibbli evalwazzjoni u trattament inpatient, outpatient, ta' emerġenza u psikoloġiċi speċjalizzati, filwaqt li tingħata attenzjoni lil kwalunkwe kwistjoni tal-familja li tista' tinfluwenza l-benessri mentali. Attenzjoni fuq it-tfal b'diżabilità tiżgura abilitazzjoni u riabilitazzjoni fil-komunità kif ukoll fl-ambjent edukattiv. Attenzjoni speċifika tiġi ppreżentata wkoll biex tiġi enfasizzata l-importanza li tiġi mtejba kontinwament nutrizzjoni tajba għas-saħħa għat-tfal kollha.

L-NAP jippreżenta wkoll miżuri li għandhom l-għan li jiżguraw akkomodazzjoni sigura u stabbli għat-tfal fil-bżonn. Dawn jinkludu l-prijoritizzazzjoni ta' familji bit-tfal (b'mod speċjali tfal b'diżabilità) fl-allokazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali, il-provvista ta' skemi ta' assistenza finanzjarja, u l-iżvilupp ta' djar komunitarji biex jospitaw diversi tfal fil-komunità.

Biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-Pjan ta' Azzjoni, qed tiġi stabbilita sistema ta' monitoraġġ mill-Ministeru responsabbli għad-Drittijiet tat-Tfal biex tiġi segwita l-implimentazzjoni tal-Pjan fuq bażi biannwali. Il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għal Garanzija għat-Tfal se jikkomplementa l-Politika Nazzjonali għat-Tfal eżistenti u se jikkontribwixxi lejn l-indirizzar tar-realtajiet kumplessi ffaċċjati minn tfal vulnerabbli.

# INTRODUZZJONI

# 1. SFOND

## 1.1 X'INHI L-GARANZIJA EWROPEA GĦAT-TFAL?

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għandu l-għan li jnaqqas b'ħames miljuni l-għadd ta' tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali sal-2030. F'dan ir-rigward, ġiet stabbilita l-Garanzija Ewropea għat-Tfal[1](ECG), permezz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, bl-objettiv li jiġu appoġġjati l-Istati Membri fl-ilħuq tal-mira msemmija. Il-Garanzija Ewropea għat-Tfal għandha l-għan li tikkontribwixxi lejn il-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal, billi tkisser iċ-ċikli interġenerazzjonali tal-faqar u trawwem opportunitajiet ugwali għat-tfal fil-bżonn.

Għal dan il-għan, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tagħti gwida lill-Istati Membri dwar il-garanzija tal-aċċess effettiv u mhux diskriminatorju għat-tfal vulnerabbli għal sett ta' servizzi ewlenin, inklużi l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni u n-nutrizzjoni tajba għas-saħħa. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri ġew mitluba jiżviluppaw Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali biex jgħinu lit-"tfal fil-bżonn". Filwaqt li t-terminu "tfal fil-bżonn" jirreferi għal persuni taħt it-18-il sena li huma fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, grupp fil-mira speċifiku huwa definit aktar fid-dettall fit-Tieni Taqsima tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali.

Il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għal Garanzija għat-Tfal 2022-2030 għandu l-għan li jipprevjeni u jiġġieled kontra l-esklużjoni soċjali fost it-tfal permezz tal-implimentazzjoni ta' diversi miżuri li għandhom l-għan li jagħtu:

A. aċċess effettiv u mingħajr ħlas għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta' kwalità għolja, attivitajiet edukattivi u bbażati fl-iskola, tal-inqas ikla waħda tajba għas-saħħa kull jum tal-iskola u kura tas-saħħa; u

B. aċċess effettiv għal nutrizzjoni tajba għas-saħħa u akkomodazzjoni adegwata

***Konsultazzjoni***

Il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għal Garanzija għat-Tfal iħaddan spettru wiesa' ta' oqsma ta' politika li r-responsabbiltà u l-interessi tagħhom jaqgħu taħt Ministeri u entitajiet differenti. F'dan il-kuntest, il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal (MSPC) wettaq serje ta' konsultazzjonijiet mal-Ministeri rilevanti bil-għan li jikkontribwixxu lejn l-iżvilupp tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għal Garanzija għat-Tfal. Matul l-ewwel kwart tal-2021, twettaq avveniment ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kollha (fir-rigward tat-"Tfulija") bħala parti mill-proċess ta' qabel il-konsultazzjoni tal-Viżjoni Soċjali ta' Malta 2035. Sussegwentement, bħala parti sostnuta tal-fażi ta' konsultazzjoni, l-MSPC organizza Grupp ta' Riflessjoni biex jikseb kontribut u feedback dettaljati direttament mit-tfal.

Barra minn hekk, fid-dawl tal-fatt li għadd ta' miżuri ilhom għaddejjin għal diversi snin, il-proċess ta' konsultazzjoni pubblika twettaq bħala parti mill-proċess ta' konsultazzjoni annwali dwar id-dokument tal-baġit. Dan żgura konsultazzjoni nazzjonali olistika mal-partijiet ikkonċernati kollha, inkużi organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu d-drittijiet tat-tfal, biex jiġi żgurat li l-Garanzija Nazzjonali għat-Tfal tidentifika verament l-ostakli ffaċċjati mit-Tfal fl-aċċessar u fl-adozzjoni tas-servizzi.

## 1.2 IL-KUNTEST NAZZJONALI

It-tfal huma l-futur tas-soċjetà u huwa rilevanti li niżguraw li t-tfal kollha jkunu jistgħu jimmassimizzaw il-potenzjal tagħhom. F'Malta, it-tfal (0 sa 17-il sena) irrappreżentaw 15.9% (81,948) tal-popolazzjoni totali fl-2020, u dan ikkontribwixxa għat-tieni l-inqas sehem tat-tfal fost il-pajjiżi tal-UE. It-tfal huma intrinsikament vulnerabbli u huma pproġettati li jiżdiedu lokalment għal 16% (94,306) sal-2030. Fl-2020, 22.6% tal-persuni taħt it-18-il sena f'Malta kienu fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE). Tabella 1 hawn taħt turi r-Rata AROPE għat-tfal (skont il-ġeneru) bejn l-2018 u l-2020.

TABELLA 1. IT-TFAL FIR-RISKJU TAL-FAQAR JEW TAL-ESKLUŻJONI SOĊJALI (0 sa 17-IL SENA)[2]

| Sena | % jew għadd ta' persuni | Maskili | Femminili | Totali |
|---|---|---|---|---|
| **2018** | % | 23.0 | 22.6 | 22.8 |
| | Persuni | 9,414 | 8,981 | 18,395 |
| **2019** | % | 24.6 | 22.5 | 23.6 |
| | Persuni | 10,354 | 8,945 | 19,299 |
| **2020** | % | 21.3 | 24.1 | 22.6 |
| | Persuni | 9,097 | 9,632 | 18,729 |

**L-aħħar data statistika disponibbli ma turix l-impatti tal-COVID-19 fuq it-tfal AROPE*

1. Adottata mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-14 ta' Ġunju 2021.

2. Eurostat. 2021. People at risk of poverty or social exclusion by age and sex [ilc_peps01N]. Aċċessat fuq: https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/ILC_PEPS01N custom_1886535/default/table?lang=en. [Aċċessat fit-23/08/2021]

Il-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt fuq is-soċjetà, b'mod partikolari fuq it-tfal. It-tfal ġew milquta speċjalment b'mod negattiv minħabba l-għeluq tal-iskejjel u l-miżuri tat-tbegħid soċjali li setgħu kkontribwew lejn żieda fl-istress, l-ansjetà ,l-isfruttament u l-bullying online, fost affarijiet oħra. Barra minn hekk, dawn il-miżuri kkontribwew ukoll lejn tnaqqis fl-aċċess għas-servizzi bħall-isport u l-attivitajiet fiżiċi[3].

### 1.2.1 IT-TFAL FIR-RISKJU TAL-FAQAR JEW TAL-ESKLUŻJONI SOĊJALI (AROPE)

L-iffokar fuq it-tfal u l-indirizzar tar-rata eżistenti tat-tfal fir-riskju tal-faqar huwa importanti għal żvilupp ekonomiku sostenibbli kif ukoll biex tiġi żgurata soċjetà li tipprovdi opportunitajiet ugwali tul il-ġenerazzjonijiet. Il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għal Garanzija għat-Tfal jirrikonoxxi li l-benefiċċji ekonomiċi tal-investiment fit-tfal jegħlbu b'mod sinifikanti l-kostijiet finanzjarji tal-investiment.

*F'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, Malta stabbiliet mira nazzjonali ta' 3.1% biex tnaqqas l-għadd ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) sal-2030. Se tiġi ddedikata attenzjoni partikolari lill-Faqar fost it-Tfal. Il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali ta' Malta għal Garanzija għat-Tfal se jkun wieħed mill-istrumenti ewlenin biex jiġu mmonitorjati l-isforzi tal-Gvern biex tintlaħaq il-mira nazzjonali stabbilita dwar it-tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali.*

L-għadd ta' tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali naqas b'6000 mill-2013 sal-2020[4]. Madankollu, kważi 1 minn kull 4 itfal għadhom fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali. Rata ogħla tar-riskju tal-faqar hija rreġistrata fost it-tfal f'familji f'sitwazzjonijiet prekarji. Fil-fatt, rati AROPE 'l fuq mill-medja huma rreġistrati fost it-tfal f'familji b'ġenitur wieħed[5], f'familji kbar[6] u f'familji b'ħiliet baxxi sa medji[7]. Gruppi vulnerabbli oħra jinkludu tfal migranti[8] u tfal li jesperjenzaw l-esklużjoni tal-akkomodazzjoni.

It-tfal f'Malta għandhom inugwaljanza tal-introjtu relattivament aktar baxxa u benessri tat-tfal ogħla meta mqabbla ma' pajjiżi Ewropej oħra[9]. Filwaqt li l-maġġoranza tal-81 948 tfal għexu f'familji[10], 510 tfal għexu f'kura barra mid-dar fl-2019[11]. F'Malta, id-data dwar it-tfal mingħajr dar ma kinitx disponibbli fl-aħħar tal-2020. Minkejja dan, l-għadd ta' tfal f'Malta li esperjenzaw privazzjoni severa tal-akkomodazzjoni kien ta' 2.3%[12] fl-2019; ġie rreġistrat tnaqqis ta' 1% meta mqabbel maċ-ċifri tal-2017 fil-livell nazzjonali. Ir-rata hija wkoll aktar baxxa b'mod sinifikanti mill-medja tal-EU27 li hija ta' 6.0%[13].

Barra minn hekk, ir-rata ta' ffullar tat-tfal irreġistrat waħda mir-rati l-aktar baxxi għal Malta fl-2020 u kienet ta' 6.3%[14] li hija baxxa ħafna meta mqabbla mal-medja ta' EU27 ta' 25.9%[15]. Min-naħa l-oħra, ġiet innotata xejra dejjem akbar

---

3. Università ta' Malta: Ċentru għar-Reżiljenza u s-Saħħa Soċjoemozzjonali. 2021. The Resilience of Maltese Children during COVID-19. Aċċessat fuq: https://www.um.edu.mt/library/oar/bitstream/123456789/70282/3/The%20resilience%20of%20Maltese%20children%20during%20COVID%2019%202021.pdf. [Aċċessat fl-10/06/2021]

4. Eurostat. 2021. People at risk of poverty or social exclusion by age and sex [ilc_peps01N]. Aċċessat fuq: https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/ILC_PEPS01N custom_1886535/default/table?lang=en. [Aċċessat fit-23/08/2021]

5. Il-kategorija ta' "żewġ adulti, tlett itfal dipendenti jew aktar" esperjenzat l-ogħla AROPE fost it-tipi kollha ta' familji matul l-2018 u l-2019 b'33.1% u b'27.3% rispettivament.

6. Eurostat. 2021. People at risk of poverty or social exclusion by income quintile and household type [ilc_peps03]. Aċċessat fuq: https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/product/view/ilc_peps03?lang=en. [Aċċessat fit-23/08/2021]

7. Il-Kummissjoni Ewropea. 2019. Rapport tal-Pajjiż ta' Malta. Aċċessat fuq: https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/file_import/2019-european-semester-country-report-malta_mt.pdf.

8. Rapport reċenti mill-Eurostat (2019) semma t-13% tal-barranin mhux tal-UE li jgħixu f'Malta li jgħixu fi djar iffullati, meta mqabbla ma' 0.6% li huma ċittadini tal-UE u 2% li huma ċittadini Maltin 12% (9,892 tifel u tifla) tal-popolazzjoni totali tat-tfal residenti f'Malta huma barranin.

9. Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tfal (UNICEF). 2016. Fairness for Children: A league table of inequality in child well-being in rich countries. Aċċessat fuq: https://www.unicef-irc.org/publications/pdf/RC13_eng.pdf. [Aċċessat fis-7/12/2020]

10. Fil-komunità; mal-ġenituri/kustodji.

11. Data Interna pprovduta mill-Uffiċċju Prinċipali tal-FSWS fl-10 ta' Mejju 2021.

12. 2.1% subien u 2.6% bniet.

13. Eurostat. 2021. Severe housing deprivation rate by age, sex and poverty status - EU-SILC survey [ilc_mdho06a]. Aċċessat fuq: https://ec.europa.eu/eurostat/ databrowser/view/ilc_mdho06a custom_1886535/default/table?lang=en. [Aċċessat fit-23/08/2021]

14. 4.8% subien u 5.3% bniet.

15. Eurostat. 2021. Overcrowding rate by age, sex and poverty status - total population - EU-SILC survey [ilc_lvho05a]. Aċċessat fuq: http://appsso.eurostat.ec.europa.eu/nui/show.do?dataset=ilc_lvho05a. [Aċċessat fit-23/08/2021]

fir-rata tal-piż eċċessiv tal-nfiq tal-akkomodazzjoni għat-tfal f'Malta li kienet ta' 2.6%[16] fl-2020. Minkejja dan, din ir-rata għadha baxxa ħafna meta mqabbla mall-medja tal-EU27 li hija ta' 9.0%[17].

## 1.3 QAFAS TA' POLITIKA INTEGRAT U TA' ABILITAZZJONI

Il-Garanzija ta' Malta għat-Tfal se tkompli tibni fuq il-qafas ta' politika eżistenti u se tikkonsolida l-isforzi lejn l-inklużjoni soċjali u t-tkissir taċ-ċikli interġenerazzjonali tal-faqar. L-implimentazzjoni lokali tad-drittijiet tat-tfal, inklużi t-tnaqqis tal-faqar u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, kienet u għadha prijorità għal Malta.

Iż-żewġ politiki nazzjonali li jiffurmaw il-qafas integrat u ta' abilitazzjoni fil-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal u l-inklużjoni soċjali huma l-"Politika Strateġika Nazzjonali għal Tnaqqis fil-Faqar u għal Inklużjoni Soċjali 2014-2024"[18] u l-"Politika Nazzjonali tat-Tfal"[19].

### *Il-Politika Strateġika Nazzjonali għal Tnaqqis fil-Faqar u għal Inklużjoni Soċjali 2014-2024*

Il-Politika Strateġika Nazzjonali għal Tnaqqis fil-Faqar u għal Inklużjoni Soċjali 2014-2024 hija l-politika strateġika fit-tul attwali ta' Malta li tippreżenta pjan ta' 10 snin biex jiġu indirizzati l-faqar u l-esklużjoni soċjali, li fihom it-tfal AROPE u l-familji tagħhom jiffurmaw parti mill-popolazzjoni mmirata. Il-politika strateġika tirrikonoxxi li l-ebda persuna ma hija eżentata mill-possibbiltà li taqa' fir-riskju tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali.

It-tfal huma wieħed mill-erba' gruppi fil-mira identifikati fil-Politika Strateġika Nazzjonali għal Tnaqqis fil-Faqar u għal Inklużjoni Soċjali. Dan id-dokument ta' politika jiddeskrivi d-diversi azzjonijiet ta' politika strateġika f'diversi dimensjonijiet, li jinkludu: il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, l-impjieg, is-servizzi soċjali u oħrajn, bil-għan li jittejbu l-prospetti b'mod partikolari għall-gruppi vulnerabbli kollha. Dawn l-azzjonijiet ta' politika strateġika għandhom l-għan li jtejbu s-sistema tal-protezzjoni soċjali u jippromwovu miżuri ta' attivazzjoni biex jinħolqu opportunitajiet ta' impjiegi u jiġu ffaċilitati l-mobbiltà u d-desegmentazzjoni fis-suq tax-xogħol, jiġu indirizzati inugwaljanzi edukattivi u jiġi żgurat aċċess ugwali għal kura tas-saħħa ta' kwalità, fost affarijiet oħra. Finalment, dawn l-azzjonijiet ta' politika se jikkontribwixxu lejn l-indirizzar tal-faqar interġenerazzjonali u l-esklużjoni soċjali.

L-iżvilupp tal-Politika Strateġika Nazzjonali għal Tnaqqis fil-Faqar u għal Inklużjoni Soċjali 2014-2024 huwa bbażat fuq approċċ fit-tul lejn it-tnaqqis fil-faqar u l-inklużjoni soċjali mmexxi minn dawn il-prinċipji li ġejjin:

- Approċċ ta' inklużjoni attiva li jirrikjedi qafas ta' politika integrat li jikkombina introjtu adegwat, swieq tax-xogħol inklużivi u aċċess għal servizzi soċjali ta' kwalità.

- Approċċ tad-drittijiet tal-bniedem ibbażat fuq l-ugwaljanza, id-diversità u l-ġustizzja soċjali.

- Approċċ tul il-ħajja li joħloq konnessjoni b'mod aktar dirett mal-ħtiġijiet tal-persuni hekk kif jinbidlu matul ħajjithom.

---

16. 3.1% subien u 2.6% bniet.

17. Eurostat. 2021. Housing cost overburden rate by age, sex and poverty status - EU-SILC survey[ilc_lvho07a]. Aċċessat fuq: https://appsso.eurostat.ec.europa.eu/nui/show.do?dataset=ilc_lvho07a&lang=en. [Aċċessat fit-23/08/2021]

18. Il-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali. 2014. Il-Politika Strateġika Nazzjonali għal Tnaqqis fil-Faqar u għal Inklużjoni Soċjali 2014-2024 Aċċessata fuq: https://family.gov.mt/wp-content/uploads/2021/05/Poverty-Strategy-14-MT.pdf [Aċċessata fit-: 02/09/2021].

19. Il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali. 2017. Il-Politika Nazzjonali tat-Tfal. Aċċessata fuq: https://tfal.org.mt/en/professionals/PublishingImages/Pages/Documents/National%20Children%27s%20Policy%202017.pdf [Aċċessata fit-02/09/2021]

***Il-Politika Nazzjonali tat-Tfal***

Il-Politika Nazzjonali tat-Tfal tirrikonoxxi l-attenzjoni speċjali meħtieġa għat-tfal, bħala grupp speċifiku u tenfasizza l-uniċità ta' kull tifel jew tifla. Filwaqt li tqis id-diversi opportunitajiet u sfidi assoċjati ma' stadji differenti tal-iżvilupp u l-ħtiġijiet dinamiċi u multipli esperjenzati mit-tfal tul ħajjithom kollha, din il-Politika trawwem approċċ għall-benessri tul il-ħajja.

Il-Politika Nazzjonali tat-Tfal tiddeskrivi serje ta' objettivi ta' politika fi ħdan temi u xenarji differenti, li jinkludu, fost affarijiet oħra, dawk soċjali u edukattivi, u dawk dwar is-saħħa, in-nutrizzjoni u l-akkomodazzjoni. Din il-politika identifikat għadd ta' prinċipji ta' gwida b'mod partikolari:

- **Il-protezzjoni** – li jenfasizza l-importanza li tiġi ggarantita s-sikurezza tat-tfal billi jiġu protetti minn ħsara sinifikanti;

- **Il-provvediment** – biex jiġu koperti l-ħtiġijiet speċjali tat-tfal u d-dritt tagħhom li jaċċessaw servizzi ta' kwalità, inkluż id-dritt għal standard tal-għajxien adegwat u d-dritt għad-divertiment, għal-logħob u għall-attivitajiet kulturali; u

- **Il-parteċipazzjoni** – biex jiġi żgurat li t-tfal jinfluwenzaw it-teħid tad-deċiżjonijiet li jaffettwa l-ħajjiet tagħhom biex tinħoloq bidla pożittiva.

Minbarra d-dokumenti ewlenin ta' politika imsemmija hawn fuq, hemm politiki komplementari oħra li jikkontribwixxu lejn il-benessri tat-tfal bħal:

- *l-Istrateġija Nazzjonali għas-Saħħa Mentali f'Malta 2020 – 2030*[20], b'attenzjoni speċjali fuq it-tfal, li permezz tagħha jiġi indirizzat l-kuntest usa' u d-determinanti tas-saħħa, filwaqt li jiġu segwiti inizjattivi intersettorjali mal-iskejjel u mal-postijiet tax-xogħol bħala prijorità fil-prevenzjoni tal-mard mentali u

- *l-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal (0 sa 7 snin):* Qafas ta' Politika Nazzjonali għal Malta u Għawdex[21] li għandu l-għan li jiżgura pedamenti ottimi għall-benessri, it-tagħlim u l-iżvilupp tat-tfal.

20. Ministeru tas-Saħħa. 2019. "Il-Bini ta' Reżiljenza, Nittrasfomaw is-Servizzi: Strateġija għas-Saħħa Mentali għal Malta 2020-2030 (Building Resilience, Transforming Services: A Mental Health Strategy for Malta 2020-2030)". Disponibbli fuq: https://deputyprimeminister.gov.mt/en/Documents/National-Health-Strategies/Mental_Health_Strategy_EN.pdf

21. Ministeru tal-Edukazzjoni. Ottubru 2021. l-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal (0 sa 7 snin): Qafas ta' Politika Nazzjonali għal Malta u Għawdex. (Early Childhood Education and Care (0–7 years): National Policy Framework for Malta and Gozo). Aċċessat fuq https://education.gov.mt/en/resources/Documents/Policy%20Documents/NPF%20Early%20Childhood%20Education%20and%20 Care%20-%20A4%20Oct21.pdf.



# IT-TFAL FIL-BŻONN

# 2. GRUPP FIL-MIRA SPEĊIFIKU U SERVIZZI EWLENIN

Għall-fini tal-Garanzija Nazzjonali għat-Tfal, "Tfal fil-bżonn" hija definita bħala tfal taħt it-18-il sena li huma fir-risku tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) Dan jirreferi għal tfal li jew:

- jgħixu f'familji li huma fir-riskju tal-faqar; jew
- li jesperjenzaw privazzjoni materjali u soċjali severa; jew
- li jgħixu f'familji b'intensita ta' xogħol baxxa ħafna.

F'dan il-kuntest, minbarra li jkollha fil-mira tagħha t-tfal kollha fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, il-Garanzija ta' Malta għat-Tfal tagħti attenzjoni speċifika lil grupp speċifiku ta' tfal f'familji f'sitwazzjonijiet prekarji.

## 2.1 TFAL F'FAMILJI F'SITWAZZJONIJIET PREKARJI

'Tfal li jgħixu f'familji f'sitwazzjonijiet prekarji' huwa kunċett wiesa' li jħaddan riskji differenti. Hemm tliet fatturi ġenerali li jistgħu jwasslu għall-prekarjetà fil-familji, b'mod partikolari:

- **Fraġilità ekonomika:** tirreferi għal sitwazzjoni fejn l-assi u r-riżorsi tal-familja ma jkunux biżżejjed biex jipproteġu lit-tfal kontra l-faqar jew it-tbatija;

- **Kompożizzjoni tal-familja:** tirreferi għal ċerti karatteristiċi tal-membri tal-familja fejn jgħixu t-tifel jew it-tifla – pereżempju, l-età tal-omm jew l-għadd ta' adulti u tfal fil-familja (familji b'adult wieħed bit-tfal, familji li jikkonsistu f'żewġ adulti u tlett itfal jew aktar); u

- **Fatturi ta' riskju soċjali (oħra):** dawn huma karatteristiċi jew sitwazzjonijiet individwali/raggruppati li jistgħu jwasslu lit-tfal u lill-familji tagħhom għal prekarjetà. Dawn jinkludu kwistjonijiet tas-saħħa mentali, vjolenza u esklużjoni minħabba diskriminazzjoni jew id-dinamika spazjali tas-segregazzjoni urbana.

Il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għal Garanzija għat-Tfal f'Malta għandu fil-mira tiegħu it-tfal f'familji f'sitwazzjonijiet prekari bi fraġilità ekonomika.

***L-Effetti tal-COVID-19***

L-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 ħalla marka fuq il-benesseri ekonomiku u soċjali tal-familji u t-tfal u x'aktarx li jaffettwa lit-tfal minn sfondi żvantaġġati, b'mod speċjali familji b'introjtu baxx.

## 2.2 IL-PROTEZZJONI SOĊJALI GĦAL TFAL F'FAMILJI F'SITWAZZJONIJIET PREKARJI

Is-Sistema tal-Protezzjoni Soċjali ta' Malta hija mfassla apposta biex tissalvagwardja lis-soċjetà kontra r-riskji soċjali fir-rigward tal-benesseri individwali, familjali u soċjetali. It-Tabella 2 hawn taħt turi għadd ta' benefiċċji soċjali u servizzi ta' protezzjoni soċjali pprovduti lil familji bi tfal fil-bżonn biex jittaffa l-istatus soċjoekonomiku baxx.

TABELLA 2. BENEFIĊĊJI SOĊJALI U SERVIZZI TA' PROTEZZJONI SOĊJALI

| | |
|---|---|
| **Gruppi fil-mira li qed jiġu indirizzati minn miżuri kontinwi / ippjanati** | It-tfal kollha bl-età ta' 0 sa 17-il sena u l-ġenituri/kustodji tagħhom<br><br>Familji b'introjtu baxx bi tfal bl-età ta' 0 sa 17-il sena |
| **Miżuri Kontinwi / Ippjanati** | • **L-Allowance tat-Tfal** jingħata kull ġimgħa lil familji bit-tfal mit-twelid sal-età ta' 16-il sena u dan jammonta għal minimu totali fil-ġimgħa ta' EUR 21.16 għal kull tifel jew tifla. Familji li ma jaqbżux it-test tal-mezzi, jingħataw rati ogħla ta' dawn l-allowances għal kull tifel jew tifla, sa massimu totali fil-ġimgħa ta' EUR 41.58 għal kull tifel jew tifla.<br><br>• **Bonus ta' darba ta' EUR 300** jitħallas lill-omm ta' tarbija li tkun għadha titwieled jew lil ġenitur adottiv. Jekk l-omm twelled jew tadotta aktar minn tifel wieħed jew tifla waħda fl-istess waqt, il-bonus jitħallas ukoll għal kull tarbija li tkun għadha kemm twieldet jew għal kull wild adottat.<br><br>• **Pensjoni tar-Romol (għar-Romol bit-Tfal)** li tammonta għal ammont massimu fil-ġimgħa ta' EUR 277.63 li jitħallas lir-romol li għandhom il-kura u l-kustodja tat-tfal.<br><br>• **Allowance għall-Foster Care** li jammonta għal EUR 110 fil-ġimgħa jingħata lill-foster carers awtorizzati li jipprovdu servizz ta' foster care lil tifel jew tifla. Bl-istess mod, iċ-**Child in Care Benefit (Servizz Residenzjali)** li jammonta għal EUR 110 fil-ġimgħa jingħata lid-djar tat-tfal residenzjali/komunitarji għal kull tifel jew tifla li jgħix/tgħix hemm. Benefiċjarji ta' dawn l-allowances ma jirċevux l-Allowance tat-Tfal.<br><br>• **Servizzi tal-Fostering** jaħdmu b'mod partikolari fuq: i) l-eliġibbiltà ta' foster carers prospettivi; ii) it-twettiq ta' ftehimiet ta' tqegħid f'foster care u r-reviżjoni regolari tagħhom; iii) it-tfassil ta' rapporti ta' rieżami fuq foster carers; u iv) fostering u adozzjoni permanenti permezz ta' fostering fejn hemm inqas possibbilta li l-minorenni li jitqiegħdu f'foster care jintilfu fil-kura. Barra minn hekk, helpline ddeżinjat jiġifieri **Helpline 1778** huwa mmirat b'mod speċifiku biex jagħti appoġġ lil persuni li huma interessati fil-fostering.<br><br>• **Supportline 179 (Linja ta' Sapport 179)**: Dan il-helpline nazzjonali huwa hotline ta' kriżi aċċessibbli fuq bażi ta' 24 siegħa kuljum għat-tfal.<br><br>• **Allowance għat-Tfal b'Diżabilità** tingħata lit-tfal li huma ċċertifikati li jbatu minn diżabilità fiżika u/jew mentali. Din l-allowance titħallas flimkien mal-Allowance tat-Tfal.<br><br>• **Allowance ta' Ltim** hija allowance fil-ġimgħa (li tammonta għal EUR 66.44) imħallsa lil kustodju li qed jieħu ħsieb ta' tifel/tifla/tfal ta' taħt is-16-il sena u fejn il-ġenituri tat-tifel jew tifla huma t-tnejn mejtin. Bl-istess mod, kustodju jitħallas l-Allowance ta' Ltim Supplimentari ta' EUR 111.52 jekk ikun qed jieħu ħsieb tifel/tifla/tfal bl-età ta' bejn is-16 u l-21 sena fejn il-ġenituri tat-tifel jew tat-tifla huma t-tnejn mejtin u fejn it-tifel jew it-tifla ma jkunux f'okkupazzjoni bi qligħ u li l-qligħ gross tagħhom ma jaqbiżx il-paga minima nazzjonali. Benefiċjarji ta' dawn l-allowances jirċievu wkoll l-Allowance tat-Tfal.<br><br>• **L-inizjattiva tas-Sustainable Baby Box**: Id-distribuzzjoni ta' starter kits b'10 prodotti sostenibbli tat-trabi lill-ġenituri kollha li jkollhom tarbija. Il-prodotti jinkludu, fost affarijiet oħra, kutra tat-trabi, ħarqa li tista' terġa' tintuża u basket tal-ġarr tat-tfal (tote bag), vavalor għat-tmigħ, anella għas-snien, kalzetti u mittens.<br><br>• **Servizzi ta' Vjolenza Domestika jinkludu**:<br><br>- Servizzi ta' valutazzjoni tar-riskju, aċċess għal kenn sigur, għajnuna legali u akkumpanjament għas-seduti tal-Qrati mit-Taqsima tal-Vjolenza Domestika (Domestic Violence Unit) fl-FSWS, it-Taqsima tal-Pulizija għall-Vjolenza Domestika u Bbażata fuq il-Ġeneru (Gender-Based and Domestic Violence Police Unit ) u t-Taqsima ta' Appoġġ għall-Vittmi (Victim Support Unit) li jinsabu fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u Għajuna Legali Malta (Legal Aid Malta).<br><br>- Servizz f'waqtu biex jiġu megħjuna l-awturi ta' atti ta' vjolenza u abbuż. Dan jinkludi wkoll Servizz ta' Vjolenza mit-Tfal fuq il-Ġenituri li permezz tiegħu kemm l-awturi minorenni kif ukoll il-ġenituri li jkunu l-vittmi ta' vjolenza jkunu appoġġati.<br><br>• **Servizzi ta' Appoġġ għall-Familja** jipprovdu interventi ta' ħidma soċjali u assistenza lit-tfal u lill-familji tagħhom. Is-servizzi pprovduti jinkludu żjarat fid-djar, riferiment lis-servizzi l-aktar xierqa, sessjonijiet regolari ta' segwitu, eċċ. Dan is-servizz għandu sub-timijiet li jaħdmu fuq il-Kondizzjoni ta' Persuni Mingħajr Dar u t-Traffikar tal-Bniedem. Servizzi oħra ta' ħidma soċjali jiġu offruti wkoll lil gruppi ta' individwi fil-mira, bħas-Servizz ta' Appoġġ ta' Kwalità Għolja li joffri appoġġ individwali għall-minorenni fil-livell komunitarju li jikkonċerna l-ħtiġijiet tagħhom, b'mod partikolari r-ri-integrazzjoni tagħhom fi ħdan il-komunità usa'.<br><br>• **Servizzi Komunitarji**: Punti uniċi ta' servizz f'diversi lokalitajiet madwar Malta u Għawdex li joffru appoġġ lill-familji fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, permezz ta' ħidma soċjali u ħidma komunitarja, inkluża għajnuna b'ħiliet soċjali/tal-ħajja, edukazzjoni u impjieg. Dawn il-punti uniċi ta' servizz iservu wkoll bħala punti ta' distribuzzjoni tal-kaxxi tal-ikel mogħtija bħala parti mill-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD) u d-Distribuzzjoni tal-Ikel Iffinanzjat mill-Istat (SFFD). Is-Servizzi Komunitarji fetħu l-ewwel klinika komunitarja tas-saħħa mentali f'wieħed mis-siti tagħhom, f'kollaborazzjoni mal-Ministeru għas-Saħħa.<br><br>• **BeSmartOnline!** Huwa proġett biex titqajjem is-sensibilizzazzjoni fost it-tfal, l-edukaturi, il-ġenituri/l-indokraturi primarji u partijiet ikkonċernati oħra dwar kif isir użu sikur mill-internet. Dan il-proġett jinkludi wkoll iċ-**Child Web Alert Hotline**. |

| | |
|---|---|
| **Miżuri Kontinwi / Ippjanati** | • **Servizz ta' Emerġenza Wara l-Ħin:** Tim ta' assistenti soċjali li jkunu aċċessibli wara l-ħin tal-uffiċċju biex jintervjenu f'sitwazzjonijiet speċjali li jirrikjedu assistenza immedjata, każijiet primarji relatati mal-protezzjoni tat-tfal, vjolenza domestika u tfal fil-kura.<br><br>• **Servizzi ta' Adozzjoni** jappoġġjaw lil familji li huma fil-proċess li jadottaw tifel/tifla/tfal kif ukoll lil familji li jkunu adottaw. It-taqsima taħdem biex tiffaċilita adozzjonijiet lokali u internazzjonali u biex tipprevjeni fallimenti fit-tqegħid ta' tfal f'familji.<br><br>• **Looked After Children (LAC):** Pjanijiet ta' kura u monitoraġġ imfassla apposta f'konformità mal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minorenni (Kura Alternattiva) (Kapitolu 602 tal-Liġijiet ta' Malta) għat-tfal fil-bżonn li jeħtieġu min jieħu ħsiebhom/li huma f'kura barra mid-dar/li jgħixu 'l bogħod mill-familja naturali tagħhom. Dawn it-tfal jistgħu jkunu qed jgħixu jew f'komunità/ dar residenzjali jew f'foster care.<br><br>• **Servizz ta' Wara l-Kura għat-tfal fil-kura bl-età ta' bejn il-15 u s-17-il sena**. Appoġġ għal persuni li jitilqu minn kura istituzzjonali biex jiġi ffaċilitat l-għajxien indipendenti tagħhom u tiġi żgurata kwalità tal-ħajja tajba. Jitfassal pjan ta' wara l-kura, u l-ħaddiem ewlieni jsegwi dan il-pjan individwalizzat flimkien mal-persuna żagħżugħa.<br><br>• **Żjarat taħt Superviżjoni (SAVs) u Servizzi tal-Qorti:** laqgħat taħt superviżjoni bejn it-tfal u l-ġenituri mhux kustodjali/membri oħra tal-familja meta l-aċċess ma jkunx possibbli mod ieħor. Is-servizz huwa ffokat fuq it-tfal u offrut f'ambjent sikur filwaqt li jiffaċilita l-komunikazzjoni u r-relazzjoni fost il-membri kollha. Il-ħaddiema soċjali jħabirku biex itejbu l-kuntatt mal-ġenituri bijoloġiċi fejn dan ikun xieraq. Barra minn hekk, għal dan il-għan, jitwettqu Valutazzjonijiet tal-Qorti u jitressqu rakkomandazzjonijiet biex jiġu indirizzati l-aċċess, it-terapija u r-riferimenti għal servizzi oħra.<br><br>• **Dar tat-Tfal:** Proċedura/dar adattata għat-tfal u sensittiva għall-iżvilupp li għandha l-għan li tagħmel il-proċeduri u l-investigazzjonijiet ġudizzjarji anqas trawmatiċi għat-tfal.<br><br>• **Diversi inizjattivi, interventi u servizzi olistiċi mmirati lejn iż-żgħażagħ li jesperjenzaw sitwazzjonijiet prekarji,** inklużi:<br><br>- Ħidma soċjali u ħidma fost iż-żgħażagħ, interventi individwali għaż-żgħażagħ;<br><br>- **Involviment Permezz ta' Programm ta' Tagħlim Attiv (Engaging Through Active Learning Programme (E.T.A.L.))**: Permezz ta' dan il-programm, ħaddiem fil-qasam taż-żgħażagħ u ħaddiem soċjali jintervjenu maż-żgħażagħ li jinvolvu ruħhom f'attitudnijiet ta' sfida fl-ambjenti tal-iskola u tad-dar;<br><br>- **Embark for Life (EFL):** Dan il-proġett jappoġġja u jindirizza diversi ħtiġijiet taż-żgħażagħ, relatati<br><br>b'mod partikolari mas-sejba u ż-żamma ta' impjieg u biex dawn iż-żgħażagħ jiġu involuti f'opportunitajiet ta' taħriġ.<br><br>- Il-proġett **Opportunity Knocks (OK)** jaħdem maż-żgħażagħ biex jitgħallmu u jtejbu l-ħiliet u biex tingħata spinta lill-possibbiltajiet tal-impjieg tagħhom u opportunitajiet oħra biex jiġu megħjuna jilħqu l-għanijiet tagħhom u javvanzaw fil-karriera tagħhom.<br><br>- Interventi ma' żgħażagħ miżmuma f'faċilitajiet korrettivi.<br><br>• **Is-Servizz Home Start (HS)** jgħin lit-tfal u lill-familji tagħhom fil-bżonn permezz ta' żjarat tal-familja (kemm f'uffiċċji tal-HS kif ukoll fid-djar tal-familji), telefonati ta' segwitu, attivitajiet fuq barra, sessjonijiet virtwali u tal-qari u donazzjonijiet tal-ikel.<br><br>• **Il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD)**: Il-kaxxi tal-ikel huma distribwiti 3 darbiet f'sena lill-familji li huma l-aktar fil-bżonn jew vulnerabbli.<br><br>• **Id-Distribuzzjoni tal-Ikel Iffinanzjat mill-Istat (SFFD)**: Il-kaxxi tal-ikel huma distribwiti darbtejn f'sena lill-familji li huma l-aktar fil-bżonn jew vulnerabbli u huma ffinanzjati totalment mill-Istat.<br><br>• **Programmi u Riżorsi għal Trobbija Pożittiva:** Tliet tipi differenti ta' programmi ta' trobbija pożittiva huma offruti skont it-tip ta' familja, inkluż programm speċifiku għall-ġenituri li huma sseparati jew fil-proċess ta' separazzjoni.<br><br>• **Fergħa tas-servizzi ta' protezzjoni soċjali f'Għawdex**: Tim reġjonali bbażat f'Għawdex joffri s-servizzi ewlenin mogħtija mill-FSWS f'Malta, skont il-ħtiġijiet soċjali ta' Għawdex.<br><br>• **Servizzi ta' Prevenzjoni** (fl-iskejjel, fil-postijiet tax-xogħol, fil-komunità u permezz tal-midja) li jikkonċernaw l-alkoħol, id-droga, il-logħob tal-azzard u vizzji oħra. Tim ta' ħaddiema fost iż-żgħażagħ, ħaddiema soċjali u gradwati fil-psikoloġija jinformaw u jgħinu lin-nies, inkluż lit-tfal, lill-ġenituri u lill-għalliema fost l-oħrajn, biex jadottaw stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa 'l bogħod mill-vizzji. |

| | |
|---|---|
| **Miżuri Kontinwi / Ippjanati** | • **A Substance Misuse In-patient Unit (SMIPU)**, magħrufa wkoll bħala Dar L-Impenn. Taqsima ta' osservazzjoni medika 24 siegħa kuljum operata minn tim multidixxiplinari għal dawk li jagħmlu użu ħażin mis-sustanzi li jeħtieġu attenzjoni medika matul l-istabbilizzazzjoni tat-trattament, is-sostituzzjoni ta' reġimi tat-trattament, jew id-detossifikazzjoni minn sustanzi ta' abbuż.<br><br>• **Servizz ta' Ditossifikazzjoni OutPatient (SMOPU)**, magħruf ukoll bħala ċ-Ċentru tad-Detox. Ċentru biex jiġu involuti individwi bi problema ta' użu ħażin tas-sustanzi f'interventi faċli, fejn jiġu vvalutati l-ħtiġijiet mediċi, soċjali u psikoloġiċi bażiċi, u tiġi pprovduta l-assistenza meħtieġa. Għal din ir-raġuni, hemm tim multidixxiplinari magħmul minn tobba, infermiera, ħaddiema soċjali, spiżjar, kif ukoll psikjatra li jżur iċ-ċentru.<br><br>• **Servizzi Psikoloġiċi u tal-Qorti** (għal persuni li għandhom problemi bl-alkoħol, id-droga u l-logħob tal-azzard). Is-Servizzi Psikoloġiċi joffru servizz ġeneriku u jospitaw tim interdixxiplinari magħmul minn Psikologi, Terapisti tal-Familja, Psikoterapisti Gestalt, Psikoterapista tal-Arti u Konsulenti. Is-Servizzi tal-Qorti jinkludu servizz tal-psikoterapija u koordinazzjoni ma' persuni li jiġu nvistati regolarment u li l-progress tagħhom jiġi segwit mill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Dawk Ħatja ta' Reati Relatati mad-Droga (DORB). |
| **Baġit Annwali Indikattiv għat-Tfal AROPE** | €40,000,000 |

## 2.3 L-EDUKAZZJONI U L-KURA BIKRIJA TAT-TFAL, L-EDUKAZZJONI INKLUŻIVA U ATTIVITAJIET IBBAŻATI FL-ISKOLA, INKLUŻA IKLA BNINA KULL JUM TAL-ISKOLA

Il-Gvern jipprovdi edukazzjoni mingħajr ħlas lit-tfal AROPE kollha permezz ta' skejjel li jinsabu fil-lokalitajiet kollha. It-trasport jiġi pprovdut ukoll mingħajr ħlas, lejn u mill-iskola, lit-tfal (bl-età ta' 3 sa 4 snin) li jattendu l-Kindergarten jew dawk f'edukazzjoni primarja u sekondarja obbligatorja (tfal bl-età ta' 5 sa 16-il sena).

Fil-livell nazzjonali, l-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal u l-Edukazzjoni Inklużiva huma ggwidati primarjament mill-istrateġiji li ġejjin:

- *il-Qafas għall-Istrateġija għall-Edukazzjoni f'Malta 2014-2024* li għandu l-għan li: i) inaqqas id-distakki fir-riżultati edukattivi bejn is-subien u l-bniet u bejn l-istudenti li jattendu skejjel differenti, inaqqas l-għadd ta' student b'kisbiet baxxi u jgħollu l-istandard fil-litteriżmu, in-numeriżmu u l-kompetenza fix-xjenza u t-teknoloġija u jżid ir-riżultati tal-istudenti; ii) jappoġġja r-riżultati edukattivi tat-tfal fir-riskju tal-faqar u minn status soċjoekonomiku baxx u jnaqqas l-inċidenza relattivament għolja ta' dawk li jitilqu mill-iskola qabel iż-żmien; iii) iżid il-parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja u t-tagħlim tal-adulti; u iv) u jżid il-livelli ta' żamma u kisba tal-istudenti f'edukazzjonivokazzjonali u terzjarja, u taħriġ ulterjuri.

- *l-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu għal Kulħadd f'Malta u Għawdex 2021–2030*[22] biex jitnaqqas l-għadd ta' individwi li huma soċjalment esklużi minħabba nuqqas ta' jew livell baxx ta' ħiliet fil-litteriżmu;

- *il-Pjan Strateġiku għall-Prevenzjoni tat-Tluq Bikri mill-Iskola f'Malta*[23] li tnieda fl-2014 biex tiġi implimentata attenzjoni ffokata mill-edukazzjoni tat-tfulija bikrija għall-edukazzjoni postsekondarja;

- *il-"Politika dwar Edukazzjoni Inklużiva fl-Iskejjel: It-Triq lejn Inklużjoni ta' Kwalità", Qafas Nazzjonali ta' Edukazzjoni Inklużiva"*[24] li tnediet fl-2019 biex jiġi żgurat li jkun hemm miżuri edukattivi fis-seħħ li jkunu aċċessibbli għat-tfal kollha. Billi taġixxi bħala gwida għall-edukatturi, il-professjonisti u l-ġenituri, din il-politika għandha l-għan li tilħaq sistema tal-edukazzjoni aktar inklużiva, tnaqqas id-distakki fir-riżultati edukattivi, iżżid il-parteċipazzjoni fost l-istudenti, tgħolli l-livelli tar-riżultati tal-istudenti u tappoġġja r-riżultati edukattivi għat-tfal kollha, u b'hekk timxi lil hinn minn approċċ ta' daqs wieħed għal kulħadd; u

- *l-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal (0 sa 7 snin): Qafas ta' Politika Nazzjonali għal Malta u Għawdex*[25] li ġie ppubblikat f'Ottubru 2021 biex jiddeskrivi l-pjan strateġiku tiegħu għall-ksib tal-ħames għanijiet li jikkonċernaw l-aċċessibbiltà, il-ħaddiema, il-kurrikulu, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni u l-governanza u l-finanzjament.

---

22. Imnedija għal konsultazzjoni pubblika f'Ġunju 2021. Aċessata fuq https://meae.gov.mt/en/PublicConsultations/MEDE/Documents/NLS%20 2021_2030%20Consultation%20Document%20June%202021.pdf

23. Il-Pjan Strateġiku għall-Prevenzjoni tat-Tluq Bikri mill-Iskola f'Malta Aċċessat fuq https://education.gov.mt/en/resources/Documents/ Policy%20 Documents%202014/School%20Leaving%20in%20Malta%20June%202014.pdf.

24. Gwida tal-ġenituri għal dawn id-dokumenti ta' politika hija disponibbli u tista' tinsab online fuq: https://meae.gov.mt/en/Public_ Consultations/MEDE/ Documents/MEDE_parents%20guide_EN_v2.pdf.

25. Ministeru tal-Edukazzjoni. Ottubru 2021. l-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal (0 sa 7 snin): Qafas ta' Politika Nazzjonali għal Malta u Għawdex. Aċċessat fuq https://education.gov.mt/en/resources/Documents/Policy%20Documents/NPF%20Early%20Childhood%20Education%20and%20 Care%20-%20A4%20Oct21.pdf.

It-taqsimiet li ġejjin jiddeskrivu l-miżuri kontinwi/ ippjanati li jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal. Għall-faċilità ta' referenza, dawn ir-rekwiżiti ġew riprodotti f'kaxxi apposta. Għandu jiġi nnotat il sakemm ma jiġix deskritt mod ieħor, il-miżuri u s-servizzi msemmija huma mmirati lejn it-tfal kollha, inklużi t-tfal AROPE.

*Il-Garanzija Ewropea għat-Tfal tistieden lill-Istati Membri:*

*a) jidentifikaw u jindirizzaw l-ostakli finanzjarji u mhux finanzjarji għall-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, fl-edukazzjoni, u fl-attivitajiet ibbażati fl-iskola.*

***Ostakli Finanzjarji: Servizzi Mingħajr Ħlas***

Biex jiġu indirizzati l-ostakli finanzjarji għall-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni, għadd ta' servizzi huma garantiti mill-Gvern sa mis-snin bikrija:

- Il-kura tat-tfal: F'konformità mal-Istandards Nazzjonali għas-Servizzi tal-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal (0 sa 3 snin)[26], il-kura tat-tfal ta' kwalità hija offruta mingħajr ħlas lit-tfal li l-ġenituri tagħhom ikunu f'edukazzjoni jew impjieg. Il-Gvern jappoġġja b'mod attiv lil dawk il-familji li huma qiegħda u/jew fil-proċess li jfittxu impjieg u li huma meqjusa bħala "każijiet soċjali" billi jagħtu eżenzjoni mill-miżati kollha tal-kura tat-tfal u billi jirreferuhom lill-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS) biex jingħataw assistenza neċessarja oħra. Skont l-Istandards Nazzjonali għas-Servizzi tal-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal (0 sa 3 snin), iċ-ċentri tal-kura tat-tfal għandhom joffru opportunitajiet ugwali għat-tfal kollha inkluż dawn bi bżonnijiet speċjali.

- Edukazzjoni: Edukazzjoni preprimarja (Kindergarten), primarja, sekondarja u postsekondarja mingħajr ħlas hija offruta lit-tfal kollha bl-età ta' 3 sa 17-il sena f'Malta. Il-parteċipazzjoni attiva tal-istudenti fil-proċess tat-tagħlim permezz tal-involviment fi stili tal-ħajja prosoċjali, it-tħassib kritiku, l-espressjoni kreattiva u t-tagħlim applikat – li jnaqqsu l-assenteiżmu u t-tluq bikri mill-iskola – huma promossi.

- Programmi ta' Qabel u ta' Wara l-Iskola u lil Hinn Minnha: Il-Gvern qed jinvesti fi programmi ta' qabel u ta' wara l-iskola u lil hinn minnha biex il-ġenituri jkunu jistgħu jaħdmu u jevitaw li jitilfu introjtu possibbli. Filwaqt li jippromwovu d-dħul f'impjieg

***Ostakli Mhux Finanzjarji: Edukazzjoni Inklużiva***

Id-diskriminazzjoni u l-esklużjoni soċjali jistgħu jitqiesu bħala ostakli mhux finanzjarji għall-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, u fl-attivitajiet edukattivi u bbażati fl-iskola. Minbarra l-istrateġija għall-Edukazzjoni Inkużiva (imsemmija fit-taqsima preċedenti), strateġiji komplementari oħra li jindirizzaw ċerti ostakli mhux finanzjarji għall-edukazzjoni jinkludu:

- Libertà li Tgħix: L-Istrateġija Nazzjonali 2021–2030 għal Malta dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità [27] li tinkludi 13-il objettiv li jitolbu li jitlestew total ta' 63 azzjoni fuq terminu qasir (sentejn), medju (5 snin) u twil (9 snin). L-istrateġija hija mmirata lejn il-ksib ta' aktar drittijiet għal persuni b'diżabilità f'konformità mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti madwar sferi multipli, inkluż fost l-oħrajn; ir-riċerka u l-ġbir tad-data, it-tqajjim ta' sensibilizzazzjoni, l-aċċessibbiltà u l-parteċipazzjoni, ir-relazzjonijiet u s-sesswalità, l-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa.

- Il-Qafas Rispett għal Kulħadd 2014 (Respect for All Framework 2014) li għandu l-għan li jimplimenta approċċ ta' skola sħiħa manifestat minn azzjoni kollettiva u kollaborattiva unifikata fost l-edukaturi, l-amministraturi, il-ġenituri u l-istudenti. Dan id-dokument jipprovdi mod ippjanat u sistematiku ta' kif l-iskejjel għandhom jiżviluppaw ambjent biex l-istudenti kollha jkollhom l-opportunità li jiksbu l-ħiliet, l-attitudnijiet u l-valuri meħtieġa biex ikunu ċittadini attivi u jirnexxu fuq ix-xogħol u fis-soċjetà. Huwa f'dan il-kuntest li dan l-Qafas jindirizza simultanjament iż-żewġ pilastri ta' "nitgħallmu nkunu flimkien" u "nitgħallmu ngħixu flimkien".

It-Tabella 3 tipprovdi l-inizjattivi kontinwi u ppjanati għall-2022-2030 li jindirizzaw ostakli finanzjarji u mhux finanzjarji għall-edukazzjoni matul it-tfulija kollha.

---

26. Ministeru tal-Edukazzjoni. Ottubru 2021. L-Istandards Nazzjonali għas-Servizzi tal-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal (0 sa 3 snin) (National Standards for Early Childhood Education and Care Services (0-3 Years)). Aċċessati fuq https:// education.gov.mt/en/resources/Documents/ Policy%20Documents/MFED%20National%20Standards%20ECEC%20Oct21.pdf.

27. Libertà li Tgħix: L-Istrateġija Nazzjonali 2021–2030 għal Malta dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità Aċċessata fuq https://meae.gov.mt/ en/Public_ Consultations/MISW/PublishingImages/Pages/Consultations/Maltas20212030NationalStrategyontheRightsofDisabledPersons/ Proposed%20 National%20Disability%20Strategy%20%E2%80%93%20Easy%20Read%20English%20version.pdf.

TABELLA 3. INIZJATTIVI LI JINDIRIZZAW OSTAKLI GĦALL-EDUKAZZJONI MATUL IT-TFULIJA

| | |
|---|---|
| **Gruppi fil-Mira li qed jiġu indirizzati mill-miżuri kontinwi/ ippjanati** | It-tfal kollha bl-età ta' 0 sa 17-il sena |
| **Miżuri Kontinwi / Ippjanati** | • **Edukazzjoni preprimarja, primarja, sekondarja u postsekondarja mingħajr ħlas lit-tfal kollha.** Faċilitajiet Edukattivi mhuma mgħammra wkoll biex jiġu indirizzati tfal b'diżabilità / bżonnijiet edukattivi speċjali.<br><br>• **Servizzi tal-Kura tat-Tfal Mingħajr Ħlas.** Il-koordinaturi taċ-ċentru tal-kura tat-tfal jaħdmu mill-qrib ma' professjonisti oħra u mal-familji biex jgħinu biex itejbu s-sitwazzjoni tal-familja. Ċentri ġodda tal-kura tat-tfal se jibdew joperaw ukoll f'lokalitajiet ġodda. Reċentement ġiet introdotta miżura ġdida biex iċ-ċentri tal-kura tat-tfal jiftħu fi tmiem il-ġimgħa u fit-tard.<br><br>• **Breakfast Clubs**. Tfal li jattendu Skola Preprimarja u Primarja tal-Istat li l-ġenituri tagħhom huma impjegati jew qed jistudjaw, jingħataw l-opportunità li jkollhom kolazzjon tajjeb għas-saħħa. Il-ġenituri jistgħu jieħdu t-tfal tagħhom l-iskola kmieni, qabel ma tibda l-iskola.<br><br>• **Klabb 3-16**. Servizz ta' kura ta' wara l-iskola fl-istrutturi tal-iskola jingħata matul is-sena skolastika, b'mod partikolari biex jiġi eliminat id-distakk bejn is-sigħat tal-iskola u s-sigħat regolari tax-xogħol tal-ġenituri f'impjieg. Dan attwalment qed iseħħ fi 30 lokalità u wieħed jista' jagħżel iċ-ċentru li jkun l-aktar konvenjenti. Is-servizz qed jiġi offrut ukoll lill-ġenituri li jaħdmu matul il-vaganzi.<br><br>• **Skola Sajf.** Servizz tal-kura lil hinn mill-iskola fl-istrutturi tal-iskola matul is-sajf. Dan is-servizz jinvolvi lit-tfal f'serje ta' attivitajiet kulturali, artistiċi u fiżiċi u ħarġiet. Dan is-servizz jiġi offrut f'diversi ċentri madwar Malta u Għawdex.<br><br>• **Tneħħija tal-Miżati tal-Eżami tal-Matsec u tas-Sec.**<br><br>• **Għotjiet ta' Manteniment lil Studenti għall-istudenti kollha (inkluż dawk l-istudenti li jirrepetu sena).** L-Għotjiet ta' Manteniment jinkludu l-għotja inizjali (li titħallas lill-istudenti postsekondarji tal-ewwel sena jew li ġew promossi, li tammonta għal EUR 322.94), l-għotja ta' darba (li titħallas lil studenti terzjarji tal-ewwel sena, li tammonta għal EUR 465.87 jew EUR 698.81 skont il-prijorità tal-kors), l-istipendju (li jammonta għal massimu ta' EUR 322.07 kull erba' ġimgħat skont il-prijorità tal-kors), l-għotjiet supplimentarji għall-istudenti li jiffaċċjaw żvantaġġi speċifiċi (li jammontaw għal massimu ta' EUR 324.70 kull erba' ġimgħat, skont it-tip tal-kors u s-sena), l-għotja għal ġenituri waħedhom (li tvarja b'ammonti miżjuda hekk kif jogħla l-livell tal-MQF u li tammonta għal massimu ta' EUR 1 000), Stipendji Speċjali tas-Sajf (li jammontaw għal EUR 243.83 kull erba' ġimgħat); u l-Istipendji Addizzjonali.<br><br>• **Fond ta' EUR 10 000 għal studenti vulnerabbli**: Il-gvern se jagħti EUR 10 000 fis-sena lill-kapijiet tal-iskejjel primarji u sekondarji tal-Istat biex jonfqu fuq l-ikel u riżorsi bażiċi oħra għal studenti vulnerabbli li jkunu ġejjin minn ambjenti tal-familja żvantaġġati. |
| **Baġit Annwali Indikattiv għat-Tfal AROPE** | €64,000,000 |

*Il-Garanzija Ewropea għat-Tfal tistieden lill-Istati Membri:*

*b) jieħdu miżuri biex jipprevjenu u jnaqqsu t-tluq bikri mill-iskola, waqt li jqisu l-perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, biex jerġgħu jinvolvu lit-tfal li huma f'riskju li jitilqu jew li telqu mill-edukazzjoni jew mit-taħriġ, billi fost l-oħrajn jipprovdu gwida personalizzata u jsaħħu l-kooperazzjoni mal-familji.*

Huwa essenzjali li t-tfal jiġu mgħammra bil-ħiliet u l-kwalifiki meħtieġa biex jilħqu l-potenzjal tagħhom, madankollu, għadd ta' tfal għadhom jieqfu mill-iskola, jitilqu mill-iskola kmieni, jew ma jinvolvux ruħhom f'edukazzjoni ulterjuri.

Sabiex titnaqqas ir-rata ta' dawk li jitilqu mill-iskola kmieni u dawk li jieqfu mill-iskola, jeħtieġ li jiġu implimentati miżuri sostenibbli u fit-tul biex jinżammu l-motivazzjoni u l-involviment tal-istudenti. It-tieni Politika dwar it-Tluq Bikri mill-Edukazzjoni u t-Taħriġ (ELET): It-Triq 'il Quddiem 2020-2030 (Early Leaving from Education and Training (ELET) Policy: The Way Forward 2020-2030)[28] tinkludi approċċ olistiku u inklużiv, li mhux biss ikollu fil-mira tiegħu l-istudenti f'riskju iżda anki dawk l-istudenti li diġà waqfu mill-iskola, il-familji u l-komunitajiet tagħhom.

---

28. Il-Politika dwar it-Tluq Bikri mill-Edukazzjoni u t-Taħriġ (ELET): It-Triq 'il Quddiem 2020-2030 (Early Leaving from Education and Training (ELET) Policy: The Way Forward 2020-2030). Aċċessata fuq: https://meae.gov.mt/en/Public_ Consultations/MEDE/Documents/ELET%20 POLICY%20Document.pdf

Inċentivi li għandhom l-għan li jimmotivaw lill-istudenti biex jibqgħu fl-edukazzjoni, jinkludu l-għoti ta' informazzjoni u gwida relatati mal-karriera, opportunitajiet ta' esponiment għax-xogħol u servizzi u programmi ta' appoġġ. L-istudenti għandhom l-opportunità li jiġu ggwidati dwar l-impjieg li jaspiraw għalih u għaldaqstant, it-toroq ta' tagħlim u l-għażliet tas-suġġetti ppreferuti tagħhom. Dan jinkludi wkoll apprendistati u tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol. Mis-snin tal-iskola primarja, l-istudenti jiġu esposti għal modi differenti ta' kif jiġu involuti f'diskussjonijiet formali u informali biex jiffamiljarizzaw ruħhom ma' karrieri differenti. Studenti sekondarji huma esposti għal għadd ta' suġġetti u gwida għall-karriera li jwittu t-triq għall-għażliet professjonali tagħhom. It-Tabella 4 hawn taħt turi miżuri kontinwi u ppjanati biex jiġi evitat it-tluq bikri mill-iskola.

TABELLA 4. MIŻURI BIEX JIĠI EVITAT IT-TLUQ BIKRI MILL-ISKOLA

| | |
|---|---|
| **Gruppi fil-Mira li qed jiġu indirizzati mill-miżuri kontinwi/ippjanati** | It-tfal kollha bl-età ta' 5 u 17-il sena li jattendu l-Iskejjel Primarji, Sekondarji u Sekondarji Għolja<br><br>Minorenni tqal mhux miżżewġa fl-età ta' 13 sa 17-il sena, il-familji u s-sieħeb/sieħba tagħhom<br><br>Ġenituri ta' tfal fis-Sena 7 (li jattendu Skejjel tal-Istat u tal-Knisja) bl-età ta' 11-il sena<br><br>Tfal Migranti |
| **Miżuri Kontinwi / Ippjanati** | • **Sessjonijiet ta' gwida individwali għall-karriera.** Dan is-servizz għandu l-għan li jinforma u jħejji lill-istudenti dwar id-dinja tax-xogħol, anki qabel mal-istudenti jispiċċaw l-edukazzjoni obbligatorja. Is-servizz jiffoka l-aktar fuq studenti tal-iskola sekondarja, bil-għan li jgħin lill-istudenti jagħżlu l-istituzzjoni postsekondarja jew it-triq tal-karriera tagħhom. Studenti tas-Sena 10 jirċievu esperjenza ta' esponiment għall-karriera tal-għażla tagħhom li tgħinnhom jaraw il-benefiċċji ta' suġġetti akkademiċi bi tħejjija għal impjieg. Is-servizz jingħata wkoll fl-iskejjel primarji.<br><br>• **Il-Programm ta' Tagħlim Alternattiv (ALP).** Ċentru vokazzjonali u kreattiv li joffri ħafna opportunitajiet applikati u prattiċi permezz ta' għadd ta' programmi u korsijiet. Iħejji lill-istudenti biex jiżviluppaw lilhom infushom għall-ħtiġijiet ta' soċjetà li qed titlob dejjem aktar ħaddiema mħarrġa u kompetenti. Il-programm huwa disponibbli għal studenti li jkunu fl-aħħar sena tal-edukazzjoni obbligatorja formali (Sena 11) u jista' jiġi segwit għal sentejn. L-ALP+ huwa disponibbli wkoll għal studenti bejn l-etajiet ta' 16 u 18-il sena.<br><br>• **Gem16+.** Skola ġdida li toffri l-opportunità li jitkompla t-tagħlim akkademiku u relatat max-xogħol għal dawk l-istudenti bl-età ta' 16-il sena 'l fuq li kisbu eżami tas-SEC wieħed biss, jew iċ-Ċertifikat u l-Profil tal-Edukazzjoni Sekondarja. Dan huwa programm edukattiv ta' sena.<br><br>• **Kors ta' induzzjoni ta' sena offrut lill-istudenti li mhumiex Maltin** li ma jistgħux jikkomunikaw bil-Malti jew bl-Ingliż; u kors intensiv matul is-sajf biex jindirizza l-ħtiġijiet ta' dawk l-istudenti migranti li ma jifhmux l-Ingliż u l-Malti u li kienu qed isibu l-ostakli tal-lingwa problema f'termini tal-integrazzjoni f'Malta. Wara li jsegwu l-kors ta' induzzjoni, l-istudenti jiksbu mhux biss għarfien lingwistiku tajjeb iżda anki l-ħiliet għal tranżizzjoni bla xkiel fl-edukazzjoni ġenerali.<br><br>• **Servizz Għożża**: Servizz ta' appoġġ u programm edukattiv huwa pprovdut lil minorenni tqal mhux miżżewġa bl-intenzjoni li dawn jitwasslu biex jadottaw attitudni pożittiva lejn il-maternità filwaqt li jingħataw il-possibbiltà li jsegwu t-toroq tal-karriera tagħhom. Is-servizzi offruti jinkludu:<br><br>i) programm għal bniet tqal; ii) servizz ta' konsulenza għal bniet, is-sieħeb tagħhom u l-familji rispettivi tagħhom; iii) laqgħat għal ġenituri ta' bniet tqal; iv) gruppi ta' appoġġ għall-omm u t-tarbija; v) programmi ta' prevenzjoni għal ġenituri ta' studenti fis-Sena 7 u għall-istudenti fis-Sena 9; vi) programmi mmirati ta' sensibilizzazzjoni dwar il-prevenzjoni lil gruppi speċifiċi ta' tfal li jeħtieġu assistenza psikosoċjali fl-iskejjel sekondarji; vii) programmi ta' appoġġ psikoloġiku, morali u edukattiv immirati lejn it-titjib tal-iżvilupp akkademiku tal-bniet; viii) l-iffaċilitar ta' kuntatti ma' u l-appoġġ ta' organizzazzjonijiet u servizzi rilevanti oħra għall-benefiċċju kemm tal-omm tat-tifla tal-iskola kif ukoll tat-tarbija tagħha; u ix) kollaborazzjoni ma' u l-għoti ta' pariri lill-amministraturi tal-iskola rigward studenti tqal skont il-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull każ.<br><br>• **Tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol.** L-istudenti jiġu pprovduti b'apprendistati u esperjenza fuq il-post tax-xogħol permezz ta' tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol (WBL).<br><br>• **Appoġġ biex tiżdied l-attendenza fl-iskejjel.** Ħaddiema soċjali jikkuntattjaw lill-ġenituri tal-istudenti li mhumiex qed jattendu l-iskola biex iħeġġuhom jibagħtu lit-tfal tagħhom l-iskola b'mod fiżiku u joffru appoġġ f'dan ir-rigward. Jinżamm ukoll kuntatt mal-iskejjel biex jiġu aġġornati rigward kuntatt mal-istudenti kif ukoll biex jitwettqu żjarat fl-iskejjel biex jiġu ssorveljati l-istudenti li rritornaw l-iskola. Ħafna mill-kwistjonijiet imqajma jiġu solvuti u l-istudenti jerġgħu jibdew jattendu.<br><br>• **Ħaddiema Komunitarji ta' Kollegament (CLWs)** jaħdmu mat-timijiet ta' appoġġ psikosoċjali f'kulleġġi biex isegwu każijiet ta' tfal barra mill-iskola jew fir-riskju tal-esklużjoni soċjali u tal-faqar. Is-CLWs jaħdmu wkoll b'mod partikolari ma' familji ta' studenti migranti li huma f'riskju li jiksbu riżultati batuti jew li jieqfu mill-iskola jew li mhumiex qed jattendu l-iskola, billi jispjegaw proċeduri relatati mal-edukazzjoni, filwaqt li jgħinu lill-familja tegħleb l-isfidi billi jiffaċilitaw l-aċċess għas-servizzi. |
| **Baġit Annwali Indikattiv għat-Tfal AROPE** | €400,000 |

*Il-Garanzija Ewropea għat-Tfal tistieden lill-Istati Membri:*

*c) jipprovdu appoġġ għat-tagħlim lit-tfal b'diffikultajiet fit-tagħlim biex jikkumpensaw għan-nuqqasijiet lingwistiċi, konjittivi u edukattivi tagħhom.*
*d) jadattaw faċilitajiet u materjali edukattivi tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u tal-istabbilimenti edukattivi u jipprovdu l-aktar rispons adegwat għall-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal bi bżonnijiet edukattivi speċjali u tat-tfal b'diżabbiltà, bl-użu ta' metodi ta' tagħlim inklużiv; għal dan il-għan, jiżguraw li jkun hemm għalliema kwalifikati u professjonisti oħra, bħal psikologi, terapisti tat-taħdit, riabilitaturi, assistenti soċjali jew assistenti tat-tagħlim;*
*e) jistabbilixxu miżuri biex jappoġġjaw l-edukazzjoni inklużiva u jevitaw klassijiet segregati fi stabbilimenti tal-edukazzjoni u tal-kura bikrija tat-tfal u fi stabbilimenti edukattivi; dan jista' jinkludi wkoll li tingħata prijorità lit-tfal fil-bżonn jew, meta meħtieġ, li dawn jingħataw aċċess bikri;*

***Diffikultajiet fit-tagħlim***

Matul 2018/2019, kien hemm 6,189 tifel u tifla b'diżabilità. Minn dawn it-tfal: 3,521 kellhom Learning Support Educators (LSE) u 218 attendew skejjel speċjali. Biex tindirizza d-diffikultajiet fit-tagħlim, l-Istrateġija Nazzjonali dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità[29] għandha l-għan li tipprovdi lis-settur tad-diżabilità ta' Malta bi pjan direzzjonali sas-sena 2030. B'mod partikolari, l-istrateġija tistabbilixxi azzjonijiet immirati lejn l-iżgurar li jkun hemm aċċess aħjar għal kotba u materjali oħra f'formats aċċessibbli fi stabbilimenti edukattivi u taħriġ għal persuni b'diżabilità dwar l-użu tat-teknoloġija diġitali. F'dan ir-rigward, Pjanijiet Edukattivi Individwalizzati (IEPs) qed jiġu pprovduti bħalissa għall-istudenti kollha b'diżabilita.

***Edukazzjoni Inklużiva***

Edukazzjoni inklużiva u prattiki inklużivi huma essenzjali biex jipproduċu sistema tal-edukazzjoni effettiva u effiċjenti. Fil-livell nazzjonali, is-sistema tal-edukazzjoni (permezz tal-Edukazzjoni fl-Iskejjel: it-Triq għal Inklużjoni ta' Kwalità u Qafas Nazzjonali għall-Edukazzjoni Inklużiva) hija involuta fi sforzi biex tkun inklużiva u għandha l-għan li tipprovdi lill-istudenti kollha b'edukazzjoni aċċessibbli permezz ta' ambjent ta' tagħlim favorevoli fejn il-proċessi jiġu ddisinjati mill-ġdid biex iwieġbu għall-ħtiġijiet u r-realtajiet soċjali tal-istudent. Dan jiżgura d-dritt tagħhom għal aċċess għal edukazzjoni inklużiva permezz ta' ambjent ta' tagħlim ekwu u aċċessibbli.

It-Tabella 5 hawn taħt tagħti l-inizjattivi ppjanati għall-2022-2030 (li l-biċċa l-kbira tagħhom huma kontinwi u ġew imtejba matul is-snin) li jiżguraw edukazzjoni inklużiva matul it-tfulija kollha, filwaqt li jqisu dawk b'diffikultajiet fit-tagħlim u li għandhom bżonnijiet edukattivi speċjali.

29. Ministeru għall-Inklużjoni u l-Benessri Soċjali. L-Istrateġija Nazzjonali ta' Malta tal-2021 – 2030 dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità. Aċċessata minn: https:// inclusion.gov.mt/wp-content/uploads/2021/09/Disability-Doc-ENG-SEP-21.pdf.

TABELLA 5. MIŻURI LI JFITTXU LI JIŻGURAW L-EDUKAZZJONI INKLUŻIVA MATUL IT-TFULIJA

| | |
|---|---|
| **Gruppi fil-Mira li qed jiġu indirizzati mill-miżuri kontinwi/ippjanati** | Tfal bl-etá ta' 0 sa 7 snin u l-ġenituri/kustodji tagħhom<br><br>It-tfal tal-iskola primarja kollha b'kapaċità baxxa li jattendu s-Sena 3 sas-Sena 6 (fl-età ta' 7 sa 11-il sena) u l-ġenituri/kustodji tagħhom<br><br>It-Tfal kollha tal-Iskola Primarja tal-Istat<br><br>L-edukaturi kollha (inklużi KGEs, Għalliema u LSEs) fl-iskejjel primarji, sekondarji u postsekondarji kollha |
| **Miżuri Kontinwi / Ippjanati** | • **Il-programm Aqra Miegħi** Sessjonijiet ta' siegħa mingħajr ħlas li jinkludu l-qsim ta' stejjer minn kotba, il-kant ta' taqlibiet għat-tfal u attivitajiet divertenti oħra għal dan il-grupp ta' età. Is-sessjonijiet jinżammu darba fil-ġimgħa u jappoġġjaw l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' qari u oħrajn ta' litteriżmu.<br><br>• **Il-Programm Ambaxxaturi tal-Qari.** Inizjattiva ta' litteriżmu bbażata fl-iskejjel li tippromwovi l-pjaċir tal-qari permezz ta' avvenimenti li jinvolvu personalitajiet lokali biex it-tfal u ż-żgħażagħ jiġu mmotivati biex jaqraw. Ambaxxaturi tal-Qari jinkludu awturi, kantanti, atturi, plejers tal-futbol, preżentaturi, xandara u ġurnalisti.<br><br>• **Nwar Programme.** Programm ta' litteriżmu għall-familja, wara l-iskola, biex jiġu appoġġjati tfal tal-iskola primarja b'kapaċità baxxa b'diffikultajiet ta' litteriżmu (li m'akkwistawx il-livell bażiku ta' ħiliet meħtieġ sal-aħħar ta' Sena 3) biex jakkwistaw ħiliet bażiċi ta' litteriżmu sal-aħħar ta' Sena 6.<br><br>• **Seħer l-Istejjer.** Dan il-programm għandu l-għan li jippromwovi l-qari fost it-tfal u l-ġenituri/kustodji tagħhom. Is-sessjonijiet ta' kull ġimgħa huma mingħajr ħlas, u fihom għadd ta' stejjer jinqraw f'ambjent divertenti u ta' motivazzjoni, biex tiġi stimulata l-immaġinazzjoni tat-tfal.<br><br>• **Taħriġ għall-Għalliema.** L-edukaturi kollha jingħataw taħriġ pedagoġiku biex jibqgħu aġġornati b'metodi ġodda ta' tagħlim permezz ta' approċċi innovattivi u moderni li jinkludu korsijiet online biex ikunu mgħammra aħjar biex joffru livell ogħla ta' taħriġ. L-edukaturi rċevew ukoll taħriġ pedagoġiku f'suġġetti vokazzjonali, biex ikunu jistgħu jgħallmu fil-livell sekondarju, permezz ta' universitajiet barranin u lokali. Il-korsijiet huma pprovduti wkoll lil Għalliema Supplimentari biex isiru għalliema regolari. It-taħriġ jista' jinvolvi wkoll sessjonijiet ħarreġ lill-ħarrieġa.<br><br>• **L-Installazzjoni ta' Taqsimiet għall-Awtiżmu u Magni Braille:** Aktar skejjel se jkollom Taqsimiet għall-Awtiżmu u Magni Braille biex itejbu u jassistu t-tagħlim multisensorjali, kif ukoll biex iżidu l-għarfien u s-sensibilizzazzjoni fost l-edukaturi u l-istudenti. |
| **Baġit Annwali Indikattiv għat-Tfal AROPE** | €420,000 |

*Il-Garanzija Ewropea għat-Tfal tistieden lill-Istati Membri:*

*f) jipprovdu mill-inqas ikla waħda tajba għas-saħħa kull jum tal-iskola;*
*g) jiżguraw il-provvista ta' materjali edukattivi, inkluż għodod edukattivi diġitali, kotba, uniformijiet jew kwalunkwe lbies meħtieġ, fejn applikabbli;*

Ġenituri/kustodji b'introjtu baxx jew li jkollhom livell baxx ta' edukazzjoni jistgħu jsibuha dejjem aktar diffiċli biex jipprovdu nutrizzjoni adegwata għat-tfal tagħhom u l-materjali neċessarji għall-edukazzjoni. Ikel tajjeb għas-saħħa u materjali edukattivi jiswew ħafna u jista' jkun hemm nuqqas ta' għarfien dwar dak li jikkostitwixxi dieta tajba għas-saħħa.

Permezz tal-Iskema 9, ikliet tajbin għas-saħħa u nutrittivi mingħajr ħlas jiġu pprovduti fil-jiem kollha tal-iskola lit-tfal f'familji b'introjtu baxx. Bl-istess mod, Skema 9 tipprovdi benefiċċji materjali oħra inklużi: uniformi mingħajr ħlas, stationery mingħajr ħlas, fotokopji mingħajr ħlas u eżenzjoni minn kwalunkwe miżati fir-rigward ta' attivitajiet ekstrakurrikulari. Matul il-pandemija tal-COVID-19, il-provvista ta' ikliet tajbin għas-saħħa nżammet permezz ta' servizz ta' distribuzzjoni lid-djar tal-istudenti, filwaqt li konnessjoni tal-internet u kompjuter/tablet fid-dar ġew ipprovduti lil dawk l-aktar vulnerabbli.

Kotba tal-iskola mingħajr ħlas ġew mislufa lill-istudenti kollha fl-edukazzjoni obbligatorja, filwaqt li kotba tal-qari, adattati skont l-età tat-tfal, jiġu pprovduti lil dawk li jibbenefikaw minn Skema 9. L-aċċess għal lingwi oħra għajr il-Malti u l-Ingliż qed jingħata dejjem aktar attenzjoni permezz tal-provvista ta' kotba, riżorsi diġital u attivitajiet fl-iskejjel. Kif inhu indikat ukoll taħt it-Taqsima li jmiss dwar klawżola (h), il-provvista ta' tablet lil kull student mis-Sena 4 sas-Sena 6 (u li huwa previst li jiġi introdott fil-Middle School), flimkien mal-provvista komplementari ta' tablets u taħriġ lill-edukaturi kollha (inklużi l-għalliema u l-LSEs) turi l-impenn tal-Gvern fil-provvista ta' għodod edukattivi diġitali kif ukoll l-approċċ proattiv meħud lejn id-diġitalizzazzjoni.

It-Tabella 6 hawn taħt tipprovdi l-inizjattivi ppjanati għall-2022-2030 li jindirizzaw in-neċessitajiet bażiċi tal-istudenti biex jiġi żgurat l-għoti ta' esperjenzi edukattivi u l-iżvilupp fl-iskejjel.

TABELLA 6. MIŻURI LI JINDIRIZZAW IN-NEĊESSITAJIET BAŻIĊI TAL-ISTUDENTI GĦALL-GĦOTI TA' EDUKAZZJONI TA' KWALITÀ FL-ISKEJJEL

| | |
|---|---|
| **Gruppi fil-Mira li qed jiġu indirizzati mill-miżuri kontinwi/ippjanati** | It-tfal kollha fil-Kindergarten sas-Sena 11/tmiem tal-iskola Sekondarja (bl-età ta' 3 sa 15-il sena) li l-introjtu tal-familja tagħhom huwa ekwivalenti għall-paga minima jew inqas, li l-familja tagħhom tiddependi biss fuq benefiċċji soċjali, jew li l-kompożizzjoni tal-familja tagħhom tinkludi aktar minn tifel jew tifla waħda u għandha introjtu annwali taħt il-EUR 15 000<br><br>L-istudenti kollha tal-iskola primarja u sekondarja (bl-età ta' 5 sa 16-il sena) |
| **Miżuri Kontinwi / Ippjanati** | • **Skema 9** tindirizza studenti minn sfondi soċjoekonomiċi u soċjokulturali diffiċli kif ukoll għandha l-għan li ttaffi l-effetti tal-faqar fuq il-proċess tat-tagħlim.<br><br>Permezz tal-Iskema 9, il-ġenituri ta' studenti eliġibbli jistgħu jagħżlu bejn il-provvista ta' wieħed mill-ħames benefiċċji li ġejjin fil-bidu tas-sena skolastika:<br><br>- uniformi mingħajr ħlas<br>- ikla ta' nofsinhar għall-iskola tajba għas-saħħa kuljum mingħajr ħlas<br>- stationery mingħajr ħlas<br>- fotokopji mingħajr ħlas<br>- attivitajiet ekstrakurrikulari mingħajr ħlas, inkluż SkolaSajf, il-Klabb 3-16 wara s-servizzi tal-iskola u programmi tal-isport permezz ta' SportMalta.<br><br>Minbarra dan il-benefiċċju, kull tifel jew tifla f'din l-iskema jirċievi/tirċievi wkoll kotba għall-qari mingħajr ħlas, adattati skont l-età tagħhom (Libreriji fid-Dar).<br><br>Matul il-pandemija tal-COVID-19, l-ikliet ta' nofsinhar baqgħu jitqassmu fid-djar tal-istudenti. Studenti mingħajr konnessjoni tal-internet u/jew tablet jew kompjuter fid-dar, ingħataw wieħed ukoll.<br><br>• **Il-kotba jiġu msellfa mingħajr ħlas** lill-istudenti għal kull sena skolastika. Il-kotba jiġu rritornati mill-istudent ladarba tintemm is-sena skolastika.<br><br>• **It-Tisħiħ tat-tagħlim ta' lingwi differenti** għajr il-Malti u l-Ingliż, permezz ta':<br><br>- għadd ta' attivitajiet fl-iskejjel biex jiġi promoss it-tagħlim ta' lingwi barranin;<br>- żieda fl-aċċess għall-kotba u r-riżorsi diġitali. |
| **Baġit Annwali Indikattiv għat-Tfal AROPE** | €1,000,000 |

*Il-Garanzija Ewropea għat-Tfal tistieden lill-Istati Membri:*

*h) jipprovdu konnettività ta' veloċità għolja, servizzi diġitali u tagħmir adegwat meħtieġ għat-tagħlim mill-bogħod sabiex jiġi żgurat l-aċċess għall-kontenut edukattiv online, kif ukoll biex jitjiebu l-ħiliet tat-tfal fil-bżonn u tal-għalliema u jinvestu kif meħtieġ biex jindirizzaw il-forom kollha tad-distakk diġitali u jtejbu l-kompetenzi diġitali;*

Il-konnettività diġitali, it-tagħmir, il-ħiliet u s-servizzi huma attwalment immexxija mill-Istrateġija Diġitali Nazzjonali. Ġew implimentati diversi miżuri biex jiġu indirizzati d-distakk diġitali u jittejbu l-Istrateġija Diġitali Nazzjonali 2014-2020 u l-Istrateġija Nazzjonali għall-Ħiliet Elettroniċi 2019-2021 li jibqgħu għaddejjin bħala parti mill-Istrateġija attwali. Il-miżuri ewlenin jinkludu: aċċess għall-Internet mingħajr ħlas fl-iskejjel u aċċess għall-Wifi apposta[30]; il-provvista ta' MS Office 365 u MS Teams lill-istudenti kollha tal-iskola primarja; diversi inizjattivi fl-Intelliġenza Artifiċjali (IA), bħal Maħżen tad-Data[31]; u sensibilizzazzjoni u korsijiet kontinwi lill-għalliema u t-tfal biex itejbu ħiliet diġitali speċifiċi (eż. il-kodifikazzjoni)[32].

30. L-Internet huwa bbażat fuq konnettività bbażata fuq il-fibra, ta' veloċità għolja. L-introduzzjoni possibbli ta' konnettività saħansitra aħjar, bħall-5G qed tiġi studjata biex isseħħ sal-2030.

31. Barra minn hekk, huwa ppjanat li xi siti web tal-IA jiġu introdotti biex jgħinu lit-tfal matul l-istudji tal-kurrikulu tagħhom, speċjalment lit-tfal tal-iskola tas-snin bikrija.

32. Korsijiet ta' ħiliet diġitali speċifiċi jiġu offruti lill-bniet.

Strateġija Nazzjonali għall-Edukazzjoni Diġitali u l-Ħiliet Trażversali 2030 ippubblikata għal konsultazzjoni pubblika f'Novembru 2021 għandha l-għan li tidentifika riżultati ta' tagħlim fil-litteriżmu diġitali permezz ta' ħames kategoriji ta' kompetenzi diġitali, b'mod partikolari: Il-Ġestjoni tal-Informazzjoni, il-Komunikazzjoni u Kollaborazzjoni, il-Midja Diġitali, l-Użu ta' Għodod Diġitali għat-Tagħlim u l-Ġestjoni tal-Internet. F'dan ir-rigward, l-appoġġ tal-formazzjoni ta' studenti litterati diġitalment u l-għajnuna biex isiru utenti indipendenti, kunfidenti u dixxernibbli tat-teknoloġija, huwa element kruċjali. Din l-istrateġija tinvolvi wkoll il-bini ta' kompetenza fl-użu tal-għodod diġitali f'diversi midja u f'modi differenti tat-tagħlim.

It-Tabella 7 hawn taħt tipprovdi l-inizjattivi kontinwi u ppjanati għall-2022-2030 li jindirizzaw l-ugwaljanza tal-aċċess għal:

- konnettività diġitali, servizzi u tagħmir adegwat meħtieġ għal tagħlim mill-bogħod;
- kontenut edukattiv online;
- ħiliet diġitali ta' tfal fil-bżonn u edukaturi.

TABELLA 7. MIŻURI LI JINDIRIZZAW L-AĊĊESS UGWALI GĦALL-KONNETTIVITÀ DIĠITALI, IL-KONTENUT EDUKATTIV ONLINE, U ŻIEDA FIL-ĦILIET DIĠITALI

| | |
|---|---|
| **Gruppi fil-Mira li qed jiġu indirizzati mill-miżuri kontin-wi/ippjanati** | L-edukaturi kollha (inklużi KGEs, LSEs, għalliema, HODs, HOSs, Assistenti HOSs) fl-iskejjel preprimarji, primarji u sekondarji (Kindergarten sa Sena 11)<br><br>It-tfal kollha fil-Kindergarten sa Sena 11 (bl-età ta' 3 sa 16-il sena) u l-ġenituri tagħhom<br><br>L-Istudenti kollha tal-ewwel sena tal-Iskola Postsekondarja (Tfal bl-età ta' 16 sa 17-il sena) |
| **Miżuri Kontinwi / Ippjanati** | • **Tablet għal kull tifel u Tifla.** Studenti u edukaturi minn Year 4 sa Year 6 (għalliema u LSAs) jingħataw tablet. Jiġi pprovdut taħriġ fl-edukazzjoni diġitali lill-edukaturi.<br><br>• **Taħriġ onlajn minn HODs u Support Teachers** fuq il-pjattaforma ta' e-learning biex jiġi ffaċilitat it-tagħlim mill-bogħod. L-edukaturi kollha ġew imħarrġa biex jużaw pjattaforma diġitali għat-tagħlim u t-tagħlim mill-bogħod kif ukoll għall-pedagoġija diġitali fil-klassi.<br><br>Inizjattivi relatati kienu jinkludu:<br><br>- appoġġ onlajn (sett ta' Mistoqsijiet Frekwenti dettaljati – Ġew ippubblikati u aġġornati regolarment il-FAQs li jkopru ċ-ċikli kollha fis-settur tal-edukazzjoni).<br><br>- helplines.<br><br>- webinars (għal timijiet ta' tmexxija tal-iskejjel u edukaturi).<br><br>- distribuzzjoni ta' materjal ta' taħriġ (laptops lill-edukaturi; u korsijiet onlajn b'xejn lill-ġenituri u lill-edukaturi biex itejbu l-ħiliet tagħhom).<br><br>**Vouchers tal-Internet b'xejn** (li jammontaw għal €300) lil studenti tal-ewwel sena post-sekondarja. |
| **Baġit Annwali Indikattiv għat-Tfal AROPE** | €300,000 |

## *Il-Garanzija Ewropea għat-Tfal tistieden lill-Istati Membri:*

## *i) jipprovdu trasport għall-stabbilimenti tal-edukazzjoni bikrija tat-tfal (tal-kura) u tal-edukazzjoni fejn applikabbli;*

It-trasport tal-iskola (mid-dar għall-iskola u mill-iskola għad-dar) jiġi offrut mingħajr ħlas lill-istudenti kollha li jattendu l-Kindergarten jew edukazzjoni obbligatorja (Skola Primarja sa Sekondarja) li jgħixu f'distanza ta' aktar minn 1 km mill-iskola tagħhom. Is-superviżjoni tat-tfal tiġi offruta fuq it-trasport użat minn tfal tal-preprimarja.
Din l-inizjattiva għaddejja bħalissa, skont it-Tabella 8 hawn taħt.

TABELLA 8. TRASPORT MINGĦAJR ĦLAS GĦAL KULĦADD

| | |
|---|---|
| **Gruppi fil-Mira li qed jiġu indirizzati mill-miżuri kontinwi/ippjanati** | It-tfal kollha fil-Kindergarten sa Sena 11 (bl-età ta' 3 sa 16-il sena) |
| **Miżuri Kontinwi / Ippjanati** | **Trasport Mingħajr Ħlas għal kulħadd (dar - skola - dar).** Is-superviżjoni tiġi offruta fuq it-trasport użat minn tfal tal-preprimarja |
| **Baġit Annwali Indikattiv għat-Tfal AROPE** | EUR 7 320 000 |

*Il-Garanzija Ewropea għat-Tfal tistieden lill-Istati Membri:*

*j) jiżguraw aċċess ugwali u inklużiv għal attivitajiet ibbażati fl-iskola, inkluż il-parteċipazzjoni f'ħarġiet tal-iskola u f'attivitajiet sportivi, kulturali u ta' divertiment;*

Aċċess ugwali u inklużiv għal attivitajiet tal-iskola fil-kurrikulu tal-iskola ta' kuljum huwa kruċjali għall-esperjenza u l-involviment edukattiv olistiku tat-tfal. Dawn l-attivitajiet, flimkien ma' esperjenzi spiritwali, reliġjużi u etiċi fl-iskola għandhom ukoll l-għan li jtejbu l-opportunitajiet edukattivi biex jitrawwem il-potenzjal massimu ta' kull tifel jew tifla. Minbarra l-komponent edukattiv, dawn l-attivitajiet jipprovdu lit-tfal b'opportunitajiet għal parteċipazzjoni, innovazzjoni, kollaborazzjoni, kreattività u apprezzament kulturali sinifikanti.

It-Tabella 9 hawn taħt tagħti l-inizjattivi kontinwi u ppjanati għall-2022-2030 li permezz tagħhom se jiġi implimentat aċċess ugwali u inklużiv għal attivitajiet ibbażati fl-iskola għat-tfal fil-bżonn.

TABELLA 9. MIŻURI GĦAL AĊĊESS UGWALI U INKLUŻIV GĦAL ATTIVITAJIET IBBAŻATI FL-ISKOLA

| | |
|---|---|
| **Gruppi fil-Mira li qed jiġu indirizzati mill-miżuri kontinwi/ ippjanati** | L-istudenti kollha li jattendu l-edukazzjoni fil-livell preprimarju, primarju, sekondarju u postsekondarju (it-tfal bl-età ta' 3 sa 17-il sena)<br><br>Għalliema tal-Edukazzjoni Fiżika (PE)<br><br>Tfal b'diżabilità (li jattendu skejjel ġenerali u speċjali) |
| **Miżuri Kontinwi / Ippjanati** | • **L-Edukazzjoni Fiżika fil-Kurrikulu tal-Iskola Nazzjonali.** It-tfal ikollhom lezzjonijiet regolari ta' attività fiżika fl-iskejjel tagħhom; għaldaqstant jiġi promoss stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa u attiv fost l-istudenti. Permezz ta' varjetà ta' logħob, il-kontenut tas-suġġett jiffoka fuq l-iżvilupp ta' ħiliet psikomotorji u jippromwovi l-iżvilupp fiżiku, soċjali u psikoloġiku. Permezz ta' dan is-suġġett, it-tfal jitgħallmu aktar dwar il-ħidma f'tim, il-fair play u l-inklużjoni soċjali.<br><br>• **Il-kard tal-Passaport ta' Heritage Malta** tiġi pprovduta lill-istudenti kollha. Din il-kard tagħti aċċess bla limitu mingħajr ħlas għal student wieħed u żewġ adulti li jakkumpanjawh lil kull sit u mużew ta' Heritage Malta. Il-kard tibqa' valida sal-aħħar tas-sena tal-aħħar terminu skolastiku ta' Sena 11. Jiġu organizzati avvenimenti differenti matul is-sena kif ukoll diversi promozzjonijiet matul il-vaganzi tal-Milied u tal-Għid biex id-detenturi tal-passaport imsemmi jiġu mħeġġa jżuru Siti u Mużewijiet ta' Heritage Malta.<br><br>• **Programmi ta' sensibilizzazzjoni,** inklużi taħdidiet dwar Siti u Mużewijiet ta' Patrimonju li mhumiex faċilment aċċessibbli bħall-Ipoġew ta' Ħal Saflieni. Matul il-pandemija, dawn it-taħdidiet edukattivi nżammu online.<br><br>• **Programmi tematiċi** jingħataw f'siti differenti ta' patrimonju sabiex tiġi pprovduta informazzjoni kulturali dwar dawn is-siti lil tfal b'diżabilità. Matul il-pandemija tal-COVID-19 (2020/2021), minflok dawn il-programmi tematiċi fiżiċi, it-tfal b'diżabilità bbenefikaw minn 15-il element viżwali bil-lingwa tas-sinjali u testi awdjodeskrittivi mmirati lejn dawk b'vista batuta fil-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija.<br><br>Attwalment qed issir ħidma biex il-mużewijiet jiġu ttrasformati fi spazji li jkunu aċċessibbli għat-tfal li jbatu bl-awtiżmu.<br><br>• **Culture Pass** għandu l-għan li joħloq avvenimenti/produzzjonijiet kulturali u artistiċi minn prattikanti tal-kreattività li għandhom jiġu offruti lit-tfal tal-iskola. Il-kontenut tal-attivitajiet huwa marbut ma' suġġetti koperti mill-kurrikulu nazzjonali, bħall-Midja, il-Globalizzazzjoni, id-Drittijiet tal-Bniedem u Kwistjonijiet Ambjentali. L-iskejjel huma mistiedna jipprenotaw kwalunkwe waħda minn dawn il-produzzjonijiet għall-istudenti tagħhom. L-avvenimenti jistgħu jseħħu fl-iskola jew barra mill-iskola.<br><br>Matul is-sena skolastika 2020/2021, il-miżura ġiet estiża għal studenti postsekondarji (Livell 4 tal-MQF) u minħabba r-restrizzjonijiet ikkawżati mill-COVID-19, il-produzzjonijiet ġew offruti lill-iskejjel permezz ta' programm online. |
| **Baġit Annwali Indikattiv għat-Tfal AROPE** | €50,000 |

*Il-Garanzija Ewropea għat-Tfal tistieden lill-Istati Membri:*

*k) jiżviluppaw qafas għall-kooperazzjoni tal-istabbilimenti edukattivi, il-komunitajiet lokali, is-servizzi soċjali, tas-saħħa u tal-protezzjoni tat-tfal, il-familji u l-atturi tal-ekonomija soċjali biex jappoġġjaw l-edukazzjoni inklużiva, jipprovdu l-kura wara l-iskola u opportunitajiet ta' parteċipazzjoni f'attivitajiet sportivi, kulturali u ta' divertiment, u jibnu u jinvestu fi stabbilimenti edukattivi bħala ċentri ta' inklużjoni u parteċipazzjoni;*

*Il-Qafas Nazzjonali għall-Edukazzjoni Inklużiva* huwa mfassal fuq għaxar temi ċentrali u jistieden lill-iskejjel jibdew vjaġġ lejn l-iżvilupp ta' inklużjoni ta' kwalità għolja. L-iskejjel huma mistiedna jimplimentaw, jirrieżaminaw u jimpenjaw ruħhom lejn politiki u prattiki inklużivi. Għaldaqstant, il-provvista ta' edukazzjoni ta' kwalità għolja għall-istudenti kollha biex iħaddnu l-ekwità soċjali u jiksbu soċjetà inklużiva. Dan il-qafas iħaddan il-prinċipji tas-sjieda, id-diversità, l-awtonomija, l-ippjanar u r-riċerka.

Il-Qafas jippromwovi r-rwoli tal-mexxejja tal-iskola u l-edukaturi fil-ħolqien ta' ambjent ta' trawwim u inklużiv li jappoġġja t-tagħlim għal kulħadd skont il-ħtiġijiet diversi ta' kull tifel jew tifla fl-iskola u b'kooperazzjoni mal-ġenituri/ indokraturi primarji u membri oħra tal-komunità. B'hekk, il-qafas jindirizza, ġestjoni pożittiva tal-imġiba, tagħlim ta' sfida u tgħallim differenzjat, mentoring u appoġġ għall-benessri tal-persuna, l-iżvilupp u t-taħriġ professjonali kontinwi, kif ukoll servizzi ta' prevenzjoni, skrinjar, intervent bikri u appoġġ biex ikompli jiġi ffaċilitat l-aċċess inklużiv fiċ-ċentri tal-kura tat-tfal, ambjenti tat-tfulija bikrija u snin tal-iskola obbligatorji.

## 2.4 IL-KURA TAS-SAĦĦA

Kull żvilupp tat-tfal huwa pedament importanti li fuqu tistrieħ is-saħħa aktar tard fil-ħajja. Fil-fatt, l-evidenza turi li għadd kbir ta' kwistjonijiet tas-saħħa fiżika u mentali jistgħu jiġu evitati fis-snin bikrija, inkluż mard kardjovaskulari, obeżità, u disturbi tas-saħħa mentali[33]. Għaldaqstant, il-kura tas-saħħa għandha rwol ewlieni fil-provvista ta' miżuri fis-snin bikrija li jistgħu potenzjalment iservu bħala fattur protettiv fl-iżvilupp ta' kwistjonijiet fiżiċi u psikoloġiċi fis-snin adulti. Il-kura tas-saħħa bikrija ta' kwalità tista' tipproteġi l-benessri ta' ġenerazzjonijiet futuri ta' adulti. Barra minn hekk, it-tfal AROPE u l-familji tagħhom għandhom it-tendenza li jkollhom ħtiġijiet aktar kumplessi relatati mal-benessri kemm fiżiku kif ukoll mentali u jistgħu għalhekk jiksbu aktar benefiċċju minn kura tas-saħħa ta' kwalità inklużiva u aċċessibbli.

Il-gvern investa b'mod sinifikanti fl-iżgurar ta' provvista tal-kura tas-saħħa adegwata u huwa impenjat li jkompli jiggarantixxi l-inklużjoni universali tat-tfal kollha mill-istadji bikrija tal-iżvilupp. It-tfal kollha f'Malta għandhom aċċess għal servizzi tal-kura tas-saħħa mingħajr ħlas provduti mis-servizz pubbliku sa mill-istadju tat-tqala, tul it-tfulija u sal-adolexxenza. Matul is-snin, sar titjib fis-Sistema Nazzjonali tal-Kura tas-Saħħa li varja minn dak immirat lejn il-konsolidazzjoni tal-kura tas-saħħa ġenerali, speċjalizzata u mentali (inkluż il-provvista tas-servizz u t-trattament) - kemm fl-istituzzjonijiet kif ukoll fil-komunità. Sadanittant, saru sforzi biex it-tfal u l-familji tagħhom jiġu edukati dwar għadd ta' kwistjonijiet relatati mas-saħħa.

Ġew żviluppati strateġiji, politiki u pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali bil-għan li tiġi strutturata l-prestazzjoni tas-sistemi tas-saħħa fir-rigward tal-evidenza u t-tħassib sistematiku u strateġiku. Dawn id-dokumenti ta' politika huma mmirati lejn il-popolazzjoni b'mod universali filwaqt li jirrikonoxxu ħtiġijiet speċifiċi għat-tfal u jinkludu:

- L-Istrateġija għas-Saħħa Mentali għal Malta 2022-2030[34]
- Il-Pjan Nazzjonali għall-Kanċer 2017-2021[35]
- L-Istrateġija Nazzjonali għall-Eliminazzjoni tal-Vajrus tal-Epatite Ċ 2018-2025[36]
- Il-Kura tas-Saħħa tat-Transġeneru[37]

33. Centre on the Developing Child (2010) The foundations of lifelong health are built in early childhood. Boston: Harvard University.

34. Ministeru tas-Saħħa. 2019. "Il-Bini ta' Reżiljenza, Nittrasfomaw is-Servizzi: Strateġija għas-Saħħa Mentali għal Malta 2020-2030 (Building Resilience, Transforming Services: A Mental Health Strategy for Malta 2020-2030)". Disponibbli fuq: https://deputyprimeminister.gov.mt/en/Documents/National-Health-Strategies/Mental_Health_Strategy_EN.pdf

35. Ministeru tas-Saħħa. 2017. Il-Pjan Nazzjonali għall-Kanċer għall-Gżejjer Maltin, 2017-2021. Disponibbli fuq: https://meae.gov.mt/en/Public_Consultations/MEH-HEALTH/Documents/MinistryForHealth-Cancer%20Plan.pdf

36. Ministeru tas-Saħħa (MfH). 2018. Strateġija Nazzjonali għall-Eliminazzjoni tal-Vajrus tal-Epatite Ċ bħala Theddida tas-Saħħa Pubblika fil-Gżejjer Maltin 2018-2025. Disponibbli fuq: https://meae.gov.mt/en/Public_Consultations/MEH-HEALTH/Documents/Hepatitis%20C%20Book_web%2020180130. pdf

37. Ministeru tas-Saħħa. Il-Kura tas-Saħħa tat-Transġeneru. Disponibbli fuq: https://deputyprimeminister.gov.mt/en/Documents/National-Health-Strategies/ Transgender%20Healthcare.pdf

Barra minn hekk, ġew stabbiliti diversi kollaborazzjonijiet ma' istituzzjonijiet u sptarijiet barranin biex tittejjeb il-provvista tat-trattament permezz tal-qsim tal-għarfien espert barrani mal-ħaddiema lokali tal-kura tas-saħħa[38].

***Il-valur miżjud tas-Servizzi tal-Protezzjoni Soċjali***

Ladarba t-tfal vulnerabbli u l-familji tagħhom jistgħu jkunu aktar suxxettibbli għal kwistjonijiet tas-saħħa fiżika u mentali, aktar minn 30 servizz jiġi offrut mill-Gvern bl-objettiv li tittejjeb il-kwalità tal-ħajja tat-tfal u tal-familji tagħhom fir-riskju tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali. Bl-operat minn approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja, l-appoġġ fiżiku u psikosoċjali huwa disponibbli b'fokus fuq iż-żieda fil-kwalità tal-ħajja tal-utenti tas-servizz, it-tisħiħ tal-unità tal-familja u l-ambjent tad-dar. Immunizzazzjoni ta' rutina u kura dentali, kif ukoll appoġġ emozzjonali, qed isiru disponibbli u aċċessibbli wkoll għat-tfal kollha f'kura barra mid-dar. Ambjenti ta' kura alternattiva jiżguraw li pjan ta' kura speċifiku iżda olistiku jinbena għal kull tifel jew tifla, skont il-ħtiġijiet tagħhom.

Il-programmi u l-miżuri indirizzati lejn l-AROPE kif muri fit-taqsima tal-kura tas-saħħa jirrikjedu baġit totali ta' madwar EUR 15 000 000.

It-taqsimiet li ġejjin jiddeskrivu l-miżuri kontinwi (jew ippjanati) ewlienin biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal. Għall-faċilità ta' referenza, dawn ir-rekwiżiti ġew riprodotti f'kaxxi apposta. Għandu jiġi nnotat il sakemm ma jiġix deskritt mod ieħor, il-miżuri u s-servizzi msemmija huma mmirati lejn it-tfal kollha, inklużi t-tfal AROPE.

*Il-Garanzija Ewropea għat-Tfal tistieden lill-Istati Membri:*

*a) jieħdu miżuri biex jiffaċilitaw is-sejbien bikri u t-trattament ta' mard u problemi tal-iżvilupp, inkluż dawk relatati mas-saħħa mentali, jiżguraw aċċess għal eżamijiet mediċi perjodiċi, inkluż dawk dentali u oftalmoloġiċi, u programmi ta' skrinjar; jiżguraw segwitu f'waqtu ta' kura u riabilitazzjoni, inkluż aċċess għal mediċini, trattamenti u appoġġ, u aċċess għal programmi ta' tilqim*

L-approċċ olistiku għall-kura tas-saħħa li huwa pprovdut f'Malta jinkoraġġixxi li jinstabu kwistjonijiet tas-saħħa kmieni kemm jista' jkun u b'hekk jikkontribwixxi lejn l-iżgurar li t-trattament adegwat jiġi amministrat b'mod f'waqtu. Proċessi u programmi ta' skrinjar jippermettu l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' kura speċifika għat-tfal li jistgħu jiġu mfassla skont il-ħtiġijiet ta' kull tifel jew tifla. L-iskrinjar f'waqtu jista' jnaqqas l-isfidi f'dimensjonijiet oħra tal-ħajja inkluż iżda mhux limitat għall-edukazzjoni jew servizzi oħra. B'hekk, Malta tpoġġi enfasi kbira fuq is-sejbien u t-trattament bikri ta' problemi tal-iżvilupp sensorjali u tat-tagħlim, kif ukoll disturbi fiżiċi.

***L-Iskrinjar Bikri, is-Sejbien Bikri u l-Immunizzazzjoni***

Il-programmi tal-iskrinjar huma pprovduti kmieni kemm jista' jkun bl-għan li jiġu identifikati s-sinjali ta' dewmien fl-iżvilupp, diffikultajiet fit-tagħlim, u/jew bżonnijiet edukattivi fi stadju bikri. Barra minn hekk, servizzi ta' skrinjar mil-livell ta' qabel il-kindergarten huma disponibbli fl-Iskejjel kollha tal-Istat u tal-Knisja. Jitwettqu diversi valutazzjonijiet fiżiċi fl-iskejjel, għat-tfal abbażi tal-istorja medika personali u tal-familja tagħhom.

Taqsima speċjalizzata hija responsabbli għall-iskrinjar ta' kwistjonijiet tal-iżvilupp u tas-saħħa mentali fit-tfal. Twettqu valutazzjonijiet multimodali bl-għan li jsir monitoraġġ għal kundizzjonijiet bħall-Awtiżmu, Diffikultajiet fit-Tagħlim, Disturb ta' Nuqqas ta' Attenzjoni/ Iperattività (ADHD) u disturbi oħra tal-iżvilupp.

Familji bi tfal vulnerabbli jistgħu jiġu assenjati wkoll ħaddiem soċjali biex jivvaluta stadji importanti għall-iżvilupp tat-tifel jew tifla bl-użu ta' għodod imfassla b'mod speċifiku. Twettqu valutazzjonijiet biex jiġi mifhum jekk hux qed ikun hemm negliġenza tat-tfal u abbuż emozzjonali[39]. Skont ir-riżultat tal-valutazzjonijiet, it-tfal u l-familji jiġu pprovduti bl-appoġġ meħtieġ u jitwettqu check-ups tas-saħħa regolari biex jiġi żgurat li l-kura mogħtija tkun suffiċjenti. Il-gvern jipprovdi wkoll servizzi mmirati lejn tfal bi kwistjonijiet tas-saħħa mentali u jiżviluppa pjanijiet imfassla apposta li jiġu mmonitorjati regolarment.

Vaċċinazzjonijiet skedati mingħajr ħlas jingħataw liċ-ċittadini Maltin u tal-UE, lit-trabi, lit-tfal u lill-adolexxenti sa 16-il sena. Il-vaċċinazzjonijiet kollha jiġu pprovduti f'konformità ma' standards nazzjonali tas-saħħa, permezz tal-isptar lokali, diversi ċentri tas-saħħa u fil-komunità.

It-Tabella 10 tiddeskrivi l-karatteristiċi ewlenin tal-miżuri speċifiċi kollha li jaqgħu f'din il-kategorija.

38. Is-Saħħa Pubblika f'Malta 1999 - 2019

39. Aktar informazzjoni dwar dan is-servizz tinsab fit-Taqsima 2.4 (Qafas ta' Politika ta' Abiltazzjoni)

TABELLA 10. KARATTERISTIĊI EWLENIN TA' MIŻURI TAL-KURA TAS-SAĦĦA GĦALL-ISKRINJAR, IS-SEJBIEN U L-IMMUNIZZAZZJONI BIKRIJA

| | |
|---|---|
| **Gruppi fil-mira li qed jiġu indirizzati minn miżuri kontinwi / ippjanati** | It-tfal AROPE kollha bl-età ta' 0 sa 17-il sena<br><br>It-tfal kollha f'kura alternattiva<br><br>It-tfal kollha rreferuti għas-Servizzi Soċjali[40] |
| **Miżuri Kontinwi / Ippjanati** | • **Skrinjar perjodiku** mingħajr ħlas għat-tfal fl-età ta' 6 ġimgħat sa 18-il xahar bl-għan li jiġu identifikati s-sinjali ta' dewmien fl-iżvilupp, diffikultajiet fit-tagħlim u/jew bżonnijiet edukattivi fi stadju bikri.<br><br>• **Lenti fuq l-Izvilupp ta' Wliedna** - Programm ta' skrinjar għall-awtiżmu għat-tfal fl-età ta' bejn it-18 u t-30 xahar.<br><br>• **Valutazzjonijiet ta' qabel id-dħul fl-iskola** ta' tfal għal sejbien bikri ta' mard jew kwistjonijiet ta' żvilupp fi tfal ta' qabel l-età tal-iskola primarja.<br><br>• **Skrinjar komprensiv tal-vista** (inkluż l-iskrinjar għal nuqqas ta' vista għall-kuluri) għall-istudenti kollha li jattendu l-Iskejjel tal-Istat u tal-Knisja.<br><br>• **Skrinjar għall-iskoljożi** għat-tfal kollha li jattendu skejjel tal-istat u tal-knisja.<br><br>• **Skrinjar perjodiku għat-Tuberkulożi u kkontrollar tar-rekord tal-vaċċinazzjoni** għall-istudenti mhux Maltin kollha li jiġu minn pajjiżi fejn it-tuberkulożi hija endemika.<br><br>• **Monitoraġġ ta' tfal iddijanjostikati bl-Iskoljożi** minn tobba (kemm jekk fl-ambjent tal-iskola kif ukoll jekk le) minn klinika speċjalizzata. Hawnhekk, it-tfal qed jiġu mmonitorjati sal-età ta' 18-il sena jew sakemm titjieb l-iskoljożi. Kumplikazzjonijiet jew kwistjonijiet li jseħħu wara l-età ta' 18-il sena jiġu rreferuti lil Kirurgi Ortopediċi.<br><br>• **Valutazzjonijiet multimodali għal diversi diffikultajiet fl-iżvilupp** inklużi l-Awtiżmu, Diffikultajiet fit-Tagħlim, Disturb ta' Nuqqas ta' Attenzjoni/ Iperattività (ADHD) imwettqa minn klinika speċjalizzata li jittratta valutazzjoni tal-iżvilupp.<br><br>• **Monitoraġġ mill-Bogħod tal-Livelli taz-Zokkor fid-Demm** -Il-livelli taz-zokkor fid-demm ta' tfal taħt is-16-il sena bid-dijabete tat-Tip I jiġu mmonitorjati mill-bogħod bl-użu ta' teknoloġiji mobbli.<br><br>• **Vaċċinazzjonijiet mingħajr ħlas** lit-trabi, it-tfal u ż-żgħażagħ Maltin jew tal-UE sal-età ta' 16-il sena<br><br>• Tqassim fuq skala nazzjonali tal-**vaċċin tal-booster tal-COVID** lit-tfal kollha bl-età ta' 5 sa 17-il sena. |

### *Il-Provvista ta' Mediċini u Ikel Pedjatriku Speċjalizzat*

L-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Skeda V) jiddeskrivi mediċini li jingħataw mingħajr ħlas lill-pazjenti kollha li jbatu minn kundizzjonijiet kroniċi speċifiċi (jiġifieri detenturi ta' dik li tissejjaħ "il-Kartuna s-Safra"). Alternattivament, dokument ta' Skeda II (magħruf bħala "il-Kartuna r-Roża") jippermetti li t-tfal f'kura alternattiva, it-tfal fostered li jgħixu ma' familja, jew l-istudenti f'edukazzjoni full-time jkollhom aċċess għal mediċini mingħajr ħlas minn lista limitata ta' mediċini essenzjali. Il-lista tal-Formolarju tal-Gvern[41] fiha lista ta' prodotti mediċinali, vitamini, supplimenti tal-ikel u sustanzi borderline disponibbli f'Malta. Il-Lista tal-Formolarju tal-Gvern tipprovdi wkoll ikel għall-użu mediku: sip feeds, tmigħ permezz ta' pajp irqiq, formuli u ikel għat-tmigħ speċjalizzati għal mard metaboliku fit-tfulija. Talbiet għal **Trattament Mediċinali Eċċezzjonali (EMT)** jistgħu jsiru għall-akkwist u l-provvista ta' trattamenti li altriment mhumiex inklużi fuq il-Lista tal-Formolarju tal-Gvern. Dawn jinkludu ikel għat-tmigħ jew trattamenti pedjatriċi, ikel għat-tmigħ għal mard rari u formulazzjonijiet pedjatriċi.

Bħala parti mill-Istrateġija għas-Saħħa Mentali għal Malta 2020-2030, mediċini ġodda mmirati lejn varjetà ta' kwistjonijiet tas-saħħa qed jiġu rieżaminati attwalment għall-inklużjoni potenzjali tagħhom fil-Lista tal-Formolarju tal-Gvern, inkluż dawk speċifikament għat-tfal. Lista separata tal-formolarju għal ikel għall-użu mediku hija ppjanata li tiġi introdotta bil-provvista ta' varjetà usa' ta' opzjonijiet għat-trattament.

Il-karatteristiċi ewlenin tal-inizjattivi msemmija hawn fuq huma deskritti fit-Tabella 11.

40. Riferimenti għas-Servizzi tal-Protezzjoni Soċjali jistgħu jsiru minn ħaddiema soċjai jew professjonisti oħra tas-saħħa li jaħdmu f'ċentri tas-saħħa, entitajiet tal-protezzjoni tat-tfal u tal-vjolenza domestika, servizzi terapewtiċi, u ċentri jew servizzi komunitarji relatati mal-familja jew mal-vizzji.

41. Ministeru tas-Saħħa. 2021. Il-Lista tal-Formolarju tal-Gvern. Aċċessata permezz ta': https://deputyprimeminister.gov.mt/en/pharmaceutical/Pages/ formulary/formulary.aspx

TABELLA 11. MIŻURI GĦAL AĊĊESS GĦAL PRODOTTI MEDIĊINALI

| | |
|---|---|
| **Gruppi fil-mira li qed jiġu indirizzati minn miżuri kontinwi / ippjanati** | It-tfal AROPE Maltin u tal-UE kollha fl-età ta' 0 sa 17-il sena<br><br>It-tfal kollha f'Kura Alternattiva<br><br>It-tfal kollha li jirrikjedu mediċini u trattamenti għal kundizzjonijiet kroniċi f'konformità mal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. |
| **Miżuri Kontinwi / Ippjanati** | **• Medikazzjonijiet u trattamenti maħruġa taħt l-Iskeda V tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Il-Kartuna s-Safra)**<br><br>– li jkopru total ta' 83 kundizzjoni kronika – huma offruti lit-tfal kollha li jbatu minn kwalunkwe waħda minn dawn il-kundizzjonijiet. Sadanittant, l-Iskeda II (il-Kartuna r-Roża) toffri aċċess għal mediċini mingħajr ħlas minn lista limitata ta' mediċini essenzjali għal tfal partikolarment vulnerabbli.<br><br>**• Talbiet għal Trattament Mediċinali Eċċezzjonali (EMT)** – persuni issa għandhom l-opzjoni li jagħmlu talbiet għal trattament (inklużi ikel għat-tmigħ jew trattament pedjatriċi speċjalizzati, ikel għat-tmigħ għal mard rari u formulazzjonijiet pedjatriċi) li attwalment mhuwiex elenkat fil-Lista tal-Formularju tal-Gvern.<br><br>**• Trattamenti Ġodda u Innovattivi, inklużi Trattamenti għall-Fibrożi Ċistika u mediċini għall-Anafilassi** lil aktar minn 325 skola fil-każ ta' emerġenza. |

### *Il-Provvista tal-Kura tas-Saħħa Mentali*

Meta jitqies li nofs id-disturbi mentali jistgħu potenzjalment jibdew qabel l-eta ta' 14-il sena[42], it-trattament ta' disturbi tas-saħħa mentali f'età bikrija huwa essenzjali għall-ġestjoni effettiva u sostenibbli tal-benessri mentali.

L-Istrateġija Nazzjonali għas-Saħħa Mentali f'Malta 2020-2030[43] tħaddan bidla ta' kura lejn appoġġ ibbażat fil-komunità filwaqt li tenfasizza wkoll l-importanza tad-dinjità, l-awtonomija u d-drittijiet tal-individwi kollha b'saħħa mentali, filwaqt li jiġu kkunsidrati wkoll id-determinanti tas-saħħa. Il-prevenzjoni u l-promozzjoni huma objettivi rilevanti ta' din l-istrateġija, b'mod partikolari għat-tfal. Fost affarijiet oħra, l-azzjonijiet ewlenin previsti mmirati lejn it-tfal huma:

- iż-żieda fl-involviment f'imġiba li twassal għal benessri mentali aħjar fuq terminu medju sa twil;
- it-titjib ta' aċċess għal sorsi ta' appoġġ u informazzjoni adattata għall-età dwar is-saħħa mentali;
- il-promozzjoni u l-inkoraġġiment tas-sensibilizzazzjoni dwar is-saħħa mentali fl-ambjent tal-iskola;
- il-provvista ta' taħriġ lil dawk li jaħdmu mat-tfal għall-identifikazzjoni f'waqtha u effettiva ta' problemi emozzjonali,
- vizzji, bullying jew bullying ċibernetiku jew ħsara fuq l-individwu nnifsu;
- l-iżvilupp ta' sistema robusta ta' segwitu għat-tfal bi problemi tas-saħħa mentali biex jiġi żgurat li dawn it-tfal ma jintilfux mis-sistema.

Is-servizzi speċjalizzati ta' saħħa mentali li ġejjin huma mingħajr ħlas:

### *Kura tas-Saħħa Mentali f'Istituzzjonijiet*

Servizzi psikjatriċi orjentati lejn it-tfal huma offruti fl-Isptar Ġenerali ta' Malta, flimkien ma' servizzi ta' kriżi 24 siegħa kuljum għal disturbi mentali akuti. Sadanittant, l-isptar psikjatriku ta' Malta jara wkoll persuni fl-eta ta' 12 sa 18-il sena b'Disturb Bipolari, Dipressjoni u Disturbi Ġeneralizzati tal-Awtiżmu (ASD).

### *Kura tas-Saħħa Mentali fil-Komunità*

Biex jiġi kkomplementat dan t'hawn fuq, tim ibbażat fil-komunità joffri segwitu intensiv għal 4 ġimgħat wara li l-pazjent ikun ħareġ mill-kura inpatient u ta' emerġenza. Infetħu wkoll kliniki jew ċentri terapewtiċi awtonomi biex jużaw modalitajiet speċifiċi tat-terapija biex jissodisfaw il-ħtiġijiet idjosinkratiċi tat-tfal li jesperjenzaw disturbi tas-saħħa mentali u l-familji tagħhom b'mod olistiku. Dawn jinkludu Terapija ta' Integrazzjoni Speċjalizzata (SIT) għat-tfal bl-Awtiżmu, u kliniki li joffru modalitajiet tat-terapija ffokati fuq relazzjonijiet tal-familja jew passatempi partikolari. Finalment, attenzjoni multidixxiplinari u fil-fond hija essenzjalment iddedikata lit-tfal bi problemi tas-saħħa mentali kumplessi u li jseħħu fl-istess ħin.

---

42. Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Novembru 2021. "Adolescent mental health". Aċċessat fuq: https://www.who.int/news-room/fact-sheets/detail/adolescent-mental-health

43. Ministeru tas-Saħħa. "Il-Bini ta' Reżiljenza, Nittrasfomaw is-Servizzi: Strateġija għas-Saħħa Mentali għal Malta 2020-2030 (Building Resilience, Transforming Services: A Mental Health Strategy for Malta 2020-2030)". Ibid.

### *Kura tas-Saħħa Mentali fil-Kuntest tal-Iskola*

Malta tistinka biex tippromwovi ambjent edukattiv b'saħħtu li jiffaċilita t-tagħlim u l-iżvilupp tat-tfal kollha. Permezz tal-evalwazzjoni, l-informazzjoni u l-pariri, l-intervent u l-provvista, jingħata appoġġ lit-tfal kollha b'diversi bżonnijiet edukattivi speċjali. Dawn il-bżonnijiet ivarjaw minn diffikultajiet tas-saħħa fiżika u mentali għal diffikultajiet speċifiċi tat-tagħlim bħal dyslexia u dyspraxia; indeboliment tal-vista u/jew tas-smigħ; diffikultajiet emozzjonali u/jew komportamentali; diffikultajiet fil-komunikazzjoni bħall-awtiżmu; u dawk mogħnija intellettwalment. Persunal tal-iskola u professjonisti oħra li jkunu f'kuntatt ma' dawn it-tfal jirċievu wkoll taħriġ ta' żvilupp professjonali f'dan ir-rigward.

### *Kura tas-Saħħa Mentali - Servizzi tal-Protezzjoni Soċjali*

Ladarba tfal vulnerabbli x'aktarx jiffaċċjaw sfidi li jaffettwaw is-saħħa mentali tagħhom[44], servizzi tal-ħidma soċjali orjentati lejn it-tfal u multidixxiplinari għat-tfal fl-età ta' 13 sa 18-il sena u l-familji tagħhom huma pprovduti għal kwistjonijiet bħan-negliġenza, l-abbuż, l-abbuż tal-alkoħol/tad-droga/tal-logħob tal-azzad u kwistjonijiet oħra tas-saħħa mentali.

Servizzi tal-protezzjoni soċjali ta' Malta jinkludu servizz ta' sensibilizzazzjoni li għandu l-għan li jgħin lill-familji bi ħtiġijiet kumplessi li jirriżultaw minn ċikli interġenerazzjonali ta' diffikultà, b'mod partikolari fejn ikunu preżenti l-minorenni[45]. L-appoġġ jinkludi terapija tal-familja, programmi dwar it-trobbija, psikoterapija u psikoedukazzjoni bil-għan li tittejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-familja. Barra minn hekk, huma pprovduti diversi servizzi fir-rigward ta' kwistjonijiet dwar l-użu, l-użu ħażin u d-dipendenza tal-alkoħol, id-droga u imġiba vvizzjata oħra.

Lista komprensiva ta' provvisti relatati mas-saħħa mentali, kif ukoll il-karatteristiċi ewlenin tagħhom, tinsab fit-Tabella 12 hawn taħt.

TABELLA 12. MIŻURI GĦAL KURA TAS-SAĦĦA MENTALI

| | |
|---|---|
| **Gruppi fil-mira li qed jiġu indirizzati minn miżuri kontinwi / ippjanati** | It-tfal AROPE Maltin u tal-UE kollha fl-età ta' 0 sa 17-il sena<br><br>It-tfal kollha f'Kura Alternattiva |
| **Miżuri Kontinwi / Ippjanati** | • **Servizzi psikjatriċi għaż-żgħażagħ bl-età ta' 12 sa 18-il sena** bi kwalunkwe waħda minn għadd ta' problemi tas-saħħa mentali fl-isptar psikjatriku ta' Malta.<br><br>• **Servizzi psikjatriċi orjentati lejn it-tfal (inkluż servizz ta' kriżi 24 siegħa kuljum)** offruti fl-isptar ġenerali ta' Malta.<br><br>• **Segwitu intensiv ta' erba' ġimgħat** fil-komunita ta' tfal wara li jkunu ġew eżaminati fis-servizzi msemmija hawn fuq u/jew wara li jkunu ħarġu minnhom.<br><br>• **Terapija multidixxiplinari, intensiva u individwalizzata fil-fond** hija pprovduta minn tim speċjalizzat liż-żgħażagħ fl-età ta' 13 sa 25 sena b'disturbi mentali kumplessi multipli fil-komunità.<br><br>• **Terapija ta' Integrazzjoni Sensorjali (SIT)** ipprovduta minn klinika apposta lit-tfal bl-Awtiżmu.<br><br>• Kliniki jew ċentri awtonomi oħra li joffru **modalitajiet terapewtiċi ffokati fuq il-familja, jew servizzi** skont il-passatemp (eż. il-mużika, l-arti, l-isport, eċċ.)<br><br>• Taħriġ orjentat lejn il-persuna huwa pprovdut għat-tmexxija ta' **gruppi ta' ħiliet tat-Terapija tal-Imġiba Dijalettika (DBT)** kif ukoll għat-Terapija tal-Imġiba tal-Mentalizzazzjoni għat-tfal bl-età ta' 13 sa 15-il sena<br><br>• **L-evalwazzjoni, il-pariri u l-intervent relatati mat-tagħlim u l-iżvilupp tat-tfal** huma pprovduti lit-tfal li jattendu skejjel tal-knisja u tal-Istat, f'dawn l-iskejjel.<br><br>• **Il-Programm tal-Incredible Years:** Tfal bl-ADHD u/jew problemi oħra ta' imġiba provokattiva – u l-familji tagħhom – jiġu pprovduti b'edukazzjoni dwar ħiliet għat-trobbija fl-ambjent tal-iskola.<br><br>• It-tfal riferuti għall-awtoritajiet tal-protezzjoni soċjali rilevanti u l-familji tagħhom jibbenefikaw minn **terapija tal-familja, programmi dwar it-trobblija, psikoedukazzjoni u psikoterapija** fil-komunità.<br><br>• **Is-Servizz tal-Youth in Focus:** Iż-żgħażagħ bl-età ta' 13 sa 17-il sena jirċievu assistenza li tindirizza l-bżonnijiet speċifiċi tagħhom[46] f'kollaborazzjoni mal-familja tagħhom. |

44. Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Novembru 2021. Ibid.

45. Home Based Therapeutic Services (HBTS). Sors: Il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS). 2018. "Ir-Rapport Annwali tal-2017". Aċċessat fuq: https://fsws.gov.mt/en/Documents/ AnnualReports/FSWS%20Report%202017.pdf

46. Biex insemmu xi ftit, dawn jinkludu l-kontroll tar-rabja, l-involviment fil-vandaliżmu, relazzjonijiet instabbli mal-oħrajn, l-abbuż tal-alkoħol/tad-droga, il-promiskwità, il-coming out, il-faqar u l-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar u l-ġestjoni tal-flus.

*Il-Garanzija Ewropea għat-Tfal tistieden lill-Istati Membri:*

*b) jieħdu miżuri biex jipprovdu servizzi mmirati ta' riabilitazzjoni u ta' abilitazzjoni għat-tfal b'diżabbiltà.*

L-Istrateġija Nazzjonali ta' Malta tal-2021-2030 dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità[47] tistabbilixxi pjan direzzjonali bbażat fuq il-prinċipju sottostanti ta' trattament ugwali irrispettivament mill-kapaċità tal-individwu. Bħal parti minn din l-istrateġija, ġew imfassla inizjattivi speċifiċi għall-benessri tat-tfal b'diżabilità. Dawn jinkludu, iżda mhumiex limitati għal:

- i approċċi li jinkoraġġixxu d-deistituzzjonalizzazzjoni, l-għajxien indipendenti u l-appoġġ offruti fl-ambjent komunitarju;
- ii koordinazzjoni aħjar fost fornituri tas-servizzi għall-provvista u d-diskussjoni tal-aħjar prattiki,
- iii fokus akbar fuq skemi ta' appoġġ personali; u
- iv sensitizzazzjoni u taħriġ kontinwi ta' professjonisti mediċi għall-provvista mtejba tas-servizz u l-komunikazzjoni ma' persuni b'diżabilità.

Dan jiġi kkomplementat mill-Istrateġija Nazzjonali dwar l-Awtiżmu 2021/2030[48] ippubblikata reċentement li tistabbilixxi 7 kategoriji ewlenin ta' azzjonijiet immirati lejn l-iżgurar tal-aċċessibblità u l-inklużjoni għal persuni bl-awtiżmu matul ħajjithom. L-istrateġija tagħti ammont sinifikanti ta' attenzjoni lill-promozzjoni u s-sensibilizzazzjoni tas-saħħa, kif ukoll lis-sejbien u l-intervent bikri. Tenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġi salvagwardjat id-dritt għall-edukazzjoni ta' kwalità u l-assistenza fid-dħul tas-suq tax-xogħol. Hawn taħt huma s-servizzi pprovduti għat-tfal b'diżabilità inkluż l-awtiżmu.

Bħala miżura ġenerali, ġiet stabbilita taqsima speċjalizzata[49] li toffri servizzi ta' terapija tat-taħdit/okkupazzjonali kif ukoll li tiffaċilita teknoloġiji ta' komunikazzjoni alternattivi u ta' awmentazzjoni lit-tfal kollha b'diżabilità. Fil-kuntest edukattiv, tip speċjalizzat[50] għandu l-għan li jagħti s-setgħa lill-istudenti bl-awtiżmu permezz tal-iffaċilitar tat-tagħlim u l-issodisfar tal-bżonnijiet edukattivi speċifiċi tagħhom. Is-servizz jirċievi riferimenti u jagħmel il-kollegamenti neċessarji mal-iskola, joffri sessjonijiet informattivi, iwettaq sessjonijiet ta' osservazzjoni biex jiġu deskritti l-bżonnijiet ta' kull student u jipprovdi materjali biex tiġi ffaċilitata l-edukazzjoni tal-istudenti. Finalment, bħala parti mill-isforzi ta' Malta biex jittejjeb l-appoġġ offrut lit-tfal b'diżabilità fil-komunità, djar residenzjali żgħar joffru appoġġ ta' 24 siegħa lit-tfal b'diżabilità. Dawn id-djar residenzjali huma ta' benefiċċju għat-tfal li huma taħt ordni għall-ħarsien jew li l-ġenituri tagħhom ma jistgħux jieħdu ħsiebhom. Is-servizzi jinkludu appoġġ sħiħ biex dawn it-tfal ikunu jistgħu jattendu l-iskola, programmi ta' ħiliet għall-ħajja u attivitajiet ta' divertiment.

Lista komprensiva ta' provvisti relatati mad-diżabilità, kif ukoll il-karatteristiċi ewlenin tagħhom, tinsab fit-Tabella 13 hawn taħt.

TABELLA 13. MIŻURI GĦAL TFAL B'DIŻABILITÀ

| | |
|---|---|
| **Gruppi fil-mira li qed jiġu indirizzati minn miżuri kontinwi / ippjanati** | It-tfal AROPE kollha b'diżabilità u l-familji tagħhom<br><br>It-tfal kollha b'diżabilità f'kura alternattiva |
| **Miżuri Kontinwi / Ippjanati** | • **Taqsima speċjalizzata toffri servizzi ta' terapija tat-taħdit /okkupazzjonali u l-għodod meħtieġa biex tiġi appoġġjata l-komunikazzjoni** permezz ta' teknoloġiji ta' komunikazzjoni alternattivi u ta' awmentazzjoni.<br><br>• **Punt uniku ta' servizz fil-komunità** joffri firxa wiesgħa ta' servizzi u assistenza b'għajxien indipendenti għal persuni b'diżabilità.<br><br>• **Skema li toffri** vawċers għal sessjonijiet privati ta' terapija okkupazzjonali lit-tfal b'diżabilità u l-familji tagħhom.<br><br>• **Appoġġ speċjalizzat għat-tfal bl-Awtiżmu** li jiffaċilita l-esperjenza tat-tagħlim fl-ambjent tal-iskola<br><br>• **Djar residenzjali komunitarji żgħar għat-tfal b'diżabilità** joffru appoġġ ta' 24 siegħa lit-tfal li huma taħt ordni għall-ħarsien jew li l-ġenituri tagħhom ma jistgħux jieħdu ħsiebhom. |

47. Ministeru għall-Inklużjoni u l-Benessri Soċjali. 2021. Libertà li Tgħix: L-Istrateġija Nazzjonali 2021–2030 għal Malta dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità Dokument ta' Konsultazzjoni Pubblika Aċċessat fuq: https://meae.gov.mt/en/Public_Consultations/MISW/PublishingImages/Pages/Consultations/Maltas20212030NationalStrategyontheRightsofDisabledPersons/Proposed%20National%20Disability%20Strategy%20%E2%80%93%20 Standard%20English%20 version.pdf

48. Ministeru għall-Inklużjoni u l-Benessri Soċjali. 2021. "Nirrispettaw id-Diversità, Inħarsu l-Ekwità: L-Istrateġija Nazzjonali dwar l-Awtiżmu ta' Malta għall-2021-2030". Aċċessata fuq: https://inclusion.gov.mt/wp-content/uploads/2021/11/National-Autism-Strategy-MT.pdf

49. It-Taqsima tal-Aċċess għall-Komunikazzjoni u t-Teknoloġija (ACTU)

50. Imsejjaħ it-Tim ta' Appoġġ għall-Awtiżmu

*Il-Garanzija Ewropea għat-Tfal tistieden lill-Istati Membri:*

*c) jieħdu miżuri biex jimplimentaw programmi aċċessibbli ta' promozzjoni tas-saħħa u ta' prevenzjoni tal-mard immirati lejn it-tfal fil-bżonn u l-familji tagħhom, kif ukoll professjonisti li jaħdmu mat-tfal.*

Il-Gvern jipprovdi għadd kbir ta' servizzi ta' promozzjoni tas-saħħa, li jibdew minn servizzi mmirati lejn koppji li qed jistennew tarbija u ġenituri/kustodji ġodda b'informazzjoni li tkopri firxa wiesgħa ta' suġġetti. Tingħata wkoll informazzjoni speċifika minn taqsimiet multidixxiplinari speċjalizzati li jindirizzaw kwistjonijiet ewlenin bħat-treddigħ u l-obeżità pedjatrika jew il-piż. Barra minn hekk, ommijiet tqal li jesperjenzaw diffikultajiet psikosoċjali huma ggwidati u appoġġjati fir-rigward tal-kura personali u l-kura neċessarja għat-tarbija tagħhom matul it-tqala, il-ħlas u l-kura ta' wara t-twelid.

Ambjenti edukattivi jippromwovu wkoll stili ta' ħajja bbilanċjati f'età bikrija matul it-tfulija, minħabba li l-edukazzjoni fiżika u dwar in-nutrizzjoni hija integrata fil-kurrikulu tal-iskola għall-istudenti kollha ta' Sena 7 u Sena 8 fl-iskejjel tal-Istat. Lezzjonijiet regolari jinkludu attivitajiet bħal logħob fiżiku u klassijiet dwar it-tisjir jew il-ġardinaġġ bil-għan li jiġu inkoraġġiti drawwiet u stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa. Dawn huma offruti bil-għan li jissaħħu drawwiet tajbin għas-saħħa tul il-ħajja. Sessjonijiet informattivi offruti fil-kuntest komunitarju jkomplu jżidu l-aċċess għal informazzjoni korretta dwar is-saħħa u dwar is-servizz tas-saħħa. Dan huwa partikolarment ta' benefiċċju għat-tfal u l-familji li huma fir-riskju tal-faqar u/jew tal-esklużjoni soċjali.

B'ħarsa 'l quddiem, se jkomplu jiġu pprovduti provvisti bbażati fuq l-evidenza fil-promozzjoni ta' stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa u inizjattivi għall-iżvilupp tat-tfal.

Kif turi t-Tabella 14 hawn taħt, il-promozzjoni ta' stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa għat-tfal u l-familji tagħhom huma lokalment rilevanti u jiġu pprovduti f'ambjenti differenti.

TABELLA 14. MIŻURI RELATATI MAL-PROMOZZJONI TA' STILI TA' ĦAJJA TAJBIN GĦAS-SAĦĦA

| | |
|---|---|
| **Gruppi fil-mira li qed jiġu indirizzati minn miżuri kontinwi / ippjanati** | It-tfal AROPE kollha bl-età ta' 0 sa 17-il sena u l-familji tagħhom<br><br>It-tfal kollha ta' ommijiet bi kwistjonijiet psikosoċjali |
| **Miżuri Kontinwi / Ippjanati** | • **Jiġu pprovduti l-edukazzjoni u l-appoġġ lil ġenituri ġodda jew li qed jistennew tarbija/kustodji** dwar diversi suġġetti minn stadji ta' qabel it-twelid. Dawn jinkludu, iżda mhumiex limitati għat-tqala, il-ħlas, l-adozzjoni, it-trobbija pożittiva, u l-filjazzjoni fiż-żgħażagħ, il-kura tas-snien u l-iżvilupp tat-taħdit u tal-lingwa.<br><br>• **Walk-in clinics speċjalizzati** jipprovdu għajnuna u informazzjoni relatati mat-treddigħ, u kwistjonijiet relatati mal-piż tat-tfal.<br><br>• **L-Edukazzjoni Fiżika u dwar in-Nutrizzjoni huma inkorporati fil-Kurrikulu tal-Iskola Nazzjonali.** Lezzjonijiet regolari bl-għan li t-tfal jiġu mgħallma dwar attività fiżika u nutrizzjoni permezz ta' attivitajiet applikati bil-għan li jitnisslu perspettivi u ħiliet ta' stil ta' ħajja tajba għas-saħħa.<br><br>• Programmi speċifiċi mmirati lejn imġiba relatata ma' nutrizzjoni, attività fiżika, u obeżità fi tfal ta' qabel l-età tal-iskola primarja u l-familji tagħhom.<br><br>• Psikoedukazzjoni parentali speċifika hija offruta lill-ġenituri tat-tfal bl-Awtiżmu. |

## 2.5 NUTRIZZJONI TAJBA GĦAS-SAĦĦA

Il-Gvern huwa impenjat kontinwament li jtejjeb in-nutrizzjoni tajba għas-saħħa għat-tfal kollha. Fil-fatt, il-Gvern ippubblika l-"Approċċ ta' Skola Sħiħa għal Stil ta' Ħajja Tajba għas-Saħħa: Il-Politika dwar Ikel tajjeb għas-Saħħa u Attività Fiżika". Din il-Politika tibni fuq l-esperjenza miksuba permezz tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Stil ta' Ħajja ta' Ikel Tajjeb għas-Saħħa u hija mmirata biex:

- tagħti prijorità għolja lill-ikel tajjeb għas-saħħa u lill-attività fiżika permezz ta' edukazzjoni olistika;

- issaħħaħ il-qafas meħtieġ u tappoġġja ambjent tal-iskola ta' abilitazzjoni biex il-komunità tal-iskola tiġi megħjuna tadotta mudelli aktar b'saħħithom ta' għajxien billi tiġi inkoraġġita l-attività fiżika, jiġu promossi ikliet tajbin għas-saħħa u tiġi limitata d-disponibbiltà ta' prodotti b'kontenut għoli ta' melħ, zokkor u xaħmijiet;

- tagħti s-setgħa lit-tfal biex jiksbu l-litteriżmu fiżiku u dwar is-saħħa, biex jadottaw stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa minn età bikrija u biex jagħmlu għażliet informati dwar l-istili ta' ħajja tagħhom matul il-ħajja;

- tipprevedi kurrikulu flessibbli li jenfasizza l-importanza tas-saħħa, in-nutrizzjoni, is-sikurezza alimentari u l-iġjene, il-preparazzjoni tal-ikel u l-attività fiżika; u

- tiżgura li jitwasslu messaġġi ċari u konsistenti dwar l-ikel, ix-xorb u l-attività fiżika matul il-jum tal-iskola. L-impenn ta' Malta għal din il-Politika jintwera permezz tal-Iskema kontinwa tal-UE dwar l-Iskejjel ta' prodotti nutrittivi u edukazzjoni dwar l-ikel tajjeb għas-saħħa, kif deskritt hawn taħt.

***L-Iskema tal-UE dwar l-Iskejjel*** *(kofinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija u mill-Gvern Malti)*

Fost l-inizjattivi li jikkontribwixxu lejn stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa fost it-tfal hija l-Iskema tal-UE dwar l-Iskejjel (2017-2023) li għandha l-għan li tesponi lit-tfal tal-iskola għal prodotti nutrittivi u li tedukahom dwar it-trawwim ta' drawwiet ta' ikel aktar tajjeb għas-saħħa f'dak li jirrigwardja l-konsum tal-ikel li jista' jkollu impatt fuq it-teħid tal-ikel, il-piż u r-riskju ta' mard tagħhom.

Din l-iskema tippromwovi drawwiet tajbin għas-saħħa għat-tfal bejn l-età ta' 3 snin u li jattendu Skejjel Primarji tal-Istat u mhux tal-Istat; u għat-tfal bl-età ta' bejn 3 u 16-il sena li jattendu Skola Sajf.

Barra minn hekk, din l-iskema tikkontribwixxi wkoll għall-politika edukattiva u ta' sensibilizzazzjoni dwar il-benefiċċji ta' dieti tajbin għas-saħħa u hija mmirata lejn il-ħtieġa li jiżdied sostanzjalment it-teħid tal-frott, tal-ħaxix u tal-ħalib fid-dieti tat-tfal waqt li jkunu għadhom qed jikbru u jifformaw id-drawwiet tagħhom tal-ikel.

Wara l-għeluq ta' stabbilimenti edukattivi (f'Marzu 2020) minħabba l-pandemija tal-COVID-19, l-iskema evolviet fi skema ta' allokazzjoni ta' vawċers. Dawn il-vawċers jistgħu jissarfu f'porzjoni fil-ġimgħa ta' 500 ml ta' ħalib, id-doppju tal-porzjon ta' 250 ml mis-snin preċedenti. Dawn il-vawċers intbagħtu lit-tfal tal-iskola li kienu qed jipparteċipaw bil-għan li jkomplu jibbenefikaw mill-promozzjoni tal-benefiċċji tajbin għas-saħħa billi jiġu pprovduti b'porzjonijiet regolari ta' ħalib. Din is-sistema tiffaċilità l-aċċess u l-flessibbiltà fil-ġbir tal-porzjonijiet ladarba l-vawċers setgħu jissarrfu mill-ħwienet tal-merċa u s-supermarkits kollha madwar Malta u Għawdex. Messaġġi edukattivi u ta' promozzjoni tas-saħħa ewlenin intbagħtu wkoll mal-vawċers biex jiġu pprovduti informazzjoni nutrittiva u linji gwida djetetiċi.

***L-Iskema Mġedda tal-Iskola Wara l-2030***

Il-fokus tal-Iskema mġedda tal-Iskola għas-snin 2023-2027 huwa mistenni li jkompli jiggarantixxi aċċess effettiv għal nutrizzjoni suffiċjenti u tajba għas-saħħa għat-tfal tal-iskola primarja permezz tal-Iskema tal-UE tal-Frott, il-Ħaxix u l-Ħalib fl-Iskola. F'dan ir-rigward, l-iskema hija mistennija tkompli tiffoka fuq aktar sensibilizzazzjoni u tixrid ta' informazzjoni dwar drawwiet ta' ikel tajjeb għas-saħħa, ktajjen tal-ikel lokali u dwar il-ġlieda kontra l-ħela tal-ikel.

Tfal vulnerabbli, tfal li jgħixu fil-faqar jew tfal minn sfondi żvantaġġati huma aktar probabbli li jiffaċċjaw ostakli fl-aċċess għal nutrizzjoni tajba għas-saħħa. F'dan il-kuntest, din il-miżura se tipprovdi porzjon wieħed ta' frott u ħaxix kull tifel jew tifla, kull ġimgħa, u għaldaqstant tkun immirata lejn it-tfal vulnerabbli.

It-taqsimiet li ġejjin jiddeskrivu l-miżuri kontinwi (jew ippjanati) ewlienin biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal. Għall-faċilità ta' referenza, dawn ir-rekwiżiti ġew riprodotti f'kaxxi xierqa. Għandu jiġi nnotat il sakemm ma jiġix deskritt mod ieħor, il-miżuri u s-servizzi msemmija huma mmirati lejn it-tfal kollha, inklużi t-tfal AROPE.

*Il-Garanzija Ewropea għat-Tfal tistieden lill-Istati Membri:*

*a) jappoġġjaw l-aċċess għal ikliet tajbin għas-saħħa anki barra mill-jiem tal-iskola, inkluż permezz ta' appoġġ in natura jew finanzjarju, b'mod partikolari f'ċirkostanzi eċċezzjonali bħall-għeluq tal-iskejjel; u*
*d) jipprovdu informazzjoni adegwata għat-tfal u għall-familji dwar nutrizzjoni tajba għas-saħħa għat-tfal.*

TABELLA 15. PROVVEDIMENTI GĦAL NUTRIZZJONI TAJBA GĦAS-SAĦĦA

| | |
|---|---|
| **Gruppi fil-mira li qed jiġu indirizzati minn miżuri kontinwi / ippjanati** | It-tfal kollha ta' bejn it-3 snin u l-11-il sena li jattendu skola primarja amministrata jew rikonoxxuta mill-Istat. |
| **Miżuri Kontinwi / Ippjanati** | Skema tal-Iskola biex tinkoraġġixxi lit-tfal tal-iskola jikkunsmaw ħalib, frott u ħaxix b'mod regolari bħala parti minn dieta tajba għas-saħħa u bbilanċjata. It-tfal u l-familji tagħhom se jingħataw ukoll informazzjoni dwar in-nutrizzjoni tajba għas-saħħa bħala parti minn din l-iskema. |
| **Baġit Annwali Indikattiv għat-Tfal AROPE** | EUR 115 000 |

*Il-Garanzija Ewropea għat-Tfal tistieden lill-Istati Membri:*

*b) jiżguraw li l-istandards ta' nutrizzjoni fl-istabbilimenti tal-edukazzjoni bikrija tat-tfal u l-kura tal-edukazzjoni jindirizzaw ħtiġijiet speċifiċi tad-dieta;*

L-Istandards Nazzjonali għas-Servizzi tal-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal (0 sa 3 snin)[51] jistipulaw li kull ċentru tal-kura tat-tfal huwa meħtieġ li jkollu fis-seħħ politika tal-ikel tajjeb għas-saħħa u għandu jinkoraġġixxi lill-ġenituri jipprovdu lit-tfal tagħhom b'ikel u xorb tajjeb għas-saħħa u nutrittiv għall-jum. Barra minn hekk, iċ-ċentri tal-kura tat-tfal huma meħtieġa jipprovdu lit-tfal kollha b'aċċess mingħajr ħlas għall-ilma tax-xorb matul il-ħin tagħhom fiċ-ċentru. Membri tal-persunal huma meħtieġa wkoll jinnutaw b'attenzjoni kwalunkwe rekwiżit speċjali tad-dieta u jiżguraw li t-tfal jirċievu l-għajnuna li jeħtieġu biex jieklu. Huma permessi rutini flessibbli tal-ikel.

It-tfal fis-snin tal-iskola primarja jistgħu jibbenefikaw mis-servizz tal-breakfast club. F'dan ir-rigward, l-ikel li jkun se jiġi pprovdut għall-breakfast club irid ikun konformi mal-Pjan tal-Ministeru tal-Edukazzjoni ta' Stil ta' Ħajja ta' Ikel Tajjeb għas-Saħħa. Dan il-pjan huwa mfassal wara diskussjoni ma' esperti tal-Home Ekonomics u l-awtoritajiet tas-saħħa u jiżgura li l-ikel ipprovdut ma jaqbiżx il-livelli permissibbli ta' xaħmijiet, zokkor u mluħa. Kwalunkwe ikel akkwistat mill-iskejjel jeħtieġ li jkun f'konformità mar-regolamenti u politiki fis-seħħ.

*Il-Garanzija Ewropea għat-Tfal tistieden lill-Istati Membri:*

*c) jillimitaw ir-reklami ta' ikel b'kontenut għoli ta' xaħam, melħ u zokkor u jirrestrinġu d-disponibbiltà tiegħu fi stabbilimenti tal-edukazzjoni bikrija u tal-kura tat-tfal u stabbilimenti edukattivi;*

L-iskejjel huma meħtieġa jipprojbixxu kwalunkwe promozzjoni ta' xaħmijiet, zokkor u mluħa f'konformità mal-Avviż Legali 266/2018 fir-rigward tal-akkwist tal-ikel għall-iskejjel. Fil-fatt, l-iskejjel huma soġġetti għal multi jekk jinsabu li jkunu kisru dawn ir-regolamenti. Bl-istess mod, f'konformità mal-Politika tal-Ikel Tajjeb għas-Saħħa, programmi edukattivi bħall-Breakfast Club iridu jiżguraw ukoll li ma jippromwovux jew ma jirreklamawx kwalunkwe xaħam, zokkor u melħ.

Programmi oħra mfassla apposta, bħal: kampanji, sensibilizzazzjoni fil-komunità, l-għoti ta' informazzjoni dwar il-benefiċċji ta' stil ta' ħajja tajba għas-saħħa, huma mħejjija biex jassistu lill-iskejjel fit-tfassil tal-għanijiet u t-taħriġ tal-persunal bil-għan li jilħqu stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa. Kampanji bħal "the lunchbox campaign" jinkoraġġixxu l-użu ta' ikliet ta' nofsinhar ippakkjati tajbin għas-saħħa u bbilanċjati, filwaqt li kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar il-frott u l-ħaxix li ilhom għaddejjin għal diversi snin iwasslu messaġġi ta' tisħiħ dwar is-saħħa f'konformità ma' approċċ ta' skola sħiħa.

51. L-Istandards Nazzjonali għas-Servizzi tal-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal (0 sa 3 Snin): https://meae.gov.mt/en/Public_Consultations/MEDE/ Documents/National%20Standards%20for%20Early%20Childhood%20Education%20and%20Care%20Services%20(0%20-%203%20 years).pdf

### 2.6 Akkomdazzjoni Adegwata

Akkomodazzjoni Adegwata, il-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar u l-esklużjoni tal-akkomodazzjoni ġew identifikati bħala qasam ta' prijorità fi ħdan "il-Politika Strateġika Nazzjonali għal Tnaqqis fil-Faqar u għal Inklużjoni Soċjali 2021-2024" fejn issir enfasi fuq kif Malta għandha tindirizza l-kwalità tal-ħajja u l-benessri permezz ta' miżuri li jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' akkomodazzjoni soċjali. Sabiex jiġu indirizzati l-kondizzjonijiet ta' persuni mingħajr dar u l-esklużjoni soċjali, kif ukoll biex tiġi promossa akkomodazzjoni aktar affordabbli u adegwata, din il-politika strateġika tipproponi l-prijoritajiet li ġejjin:

Iż-żieda u l-ammeljorament ta' unitajiet tal-akkomodazzjoni soċjali, inkluż it-titjib li sar fl-effiċjenza enerġetika tagħhom;
It-twettiq ta' riġenerazzjoni olistika ta' żoni urbani permezz tat-tisbiħ u r-restawr ta' unitajiet tal-akkomodazzjoni vakanti;
Il-promozzjoni ta' politiki tal-akkomodazzjoni li jinkoraġġixxu taħlita tal-viċinat u li jqisu t-tixjiħ u d-dimensjonijiet soċjoekonomiċi u interkulturali;

L-iżvilupp ta' analiżi spazjali proattiva bħala parti minn ippjanar ta' investiment soċjali integrat; u

Il-valutazzjoni u l-evalwazzjoni mill-ġdid li jippreżentaw skemi ta' sussidju filwaqt li titqies l-introduzjoni ta' skema ta' benefiċċju tal-akkomodazzjoni għal dawk l-aktar vulnerabbli.

F'konformità ma' dan t'hawn fuq, it-taqsimiet li ġejjin jiddeskrivu l-miżuri kontinwi (jew ippjanati) ewlienin biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal. Għall-faċilità ta' referenza, dawn ir-rekwiżiti ġew riprodotti f'kaxxi xierqa. Għandu jiġi nnotat il sakemm ma jiġix deskritt mod ieħor, il-miżuri u s-servizzi msemmija huma mmirati lejn it-tfal kollha, inklużi t-tfal AROPE.

*Il-Garanzija Ewropea għat-Tfal tistieden lill-Istati Membri:*

*a) jiżguraw li t-tfal mingħajr dar u l-familji tagħhom jirċievu akkomodazzjoni adegwata, trasferiment minnufih minn akkomodazzjoni temporanja għal waħda permanenti u provvista ta' servizzi soċjali u ta' pariri rilevanti;*
*b) jivvalutaw u jirrevedu, jekk ikun meħtieġ, il-politiki nazzjonali, reġjonali u lokali dwar l-akkomodazzjoni u jieħdu azzjoni biex jiżguraw li l-interessi tal-familji bit-tfal fil-bżonn jitqiesu kif xieraq, inkluż billi jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku u bil-prevenzjoni tar-riskju li t-tfal jispiċċaw bla dar; tali valutazzjoni u reviżjoni għandha tinkludi wkoll l-akkomodazzjoni soċjali jew il-politiki ta' assistenza għall-akkomodazzjoni u l-benefiċċji għall-akkomodazzjoni u titjib ulterjuri fl-aċċessibbiltà għat-tfal b'diżabbiltà;*
*c) jipprovdu aċċess ta' prijorità f'waqtu għall-akkomodazzjoni soċjali jew għall-assistenza għall-akkomodazzjoni għat-tfal fil-bżonn u għall-familji tagħhom;*
*d) iqisu l-aħjar interessi tat-tfal kif ukoll is-sitwazzjoni ġenerali u l-ħtiġijiet individwali tat-tfal meta jqiegħdu lit-tfal f'kustodja istituzzjonali jew f'foster care; jiżguraw tranżizzjoni tat-tfal minn kustodja istituzzjonali jew minn foster care għal kura ta' kwalità bbażata fil-komunità jew f'familja u jappoġġjaw l-għajxien indipendenti u l-integrazzjoni soċjali tagħhom.*

### *Il-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar*

Bil-għan li jiġu pprovduti u sostnuti opportunitajiet ta' akkomodazzjoni deċenti u affordabbli li jippromwovu l-istabbiltà u jappoġġjaw il-mobbiltà soċjali, Malta tieħu approċċ preventiv għall-kwistjoni ta' persuni mingħajr dar u l-esklużjoni tal-akkomodazzjoni. Ċifri uffiċjali mressqa fil-parlament f'Ottubru 2018 urew li 27 persuna biss kienu nstabu reqdin fil-beraħ f'kundizzjonijiet ħżiena bejn Jannar 2013 u Awwissu 2018. Il-provvista ta' servizz għall-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar hija organizzata permezz ta' "sistema ta' riferiment". Wara li jsir il-kuntatt inizjali mal-persuna mingħajr dar (jew personalment jew minn parti terza) dawn jiġu sussegwentement riferuti għal xelters għal persuni mingħajr dar li jipprovdu akkomodazzjoni. F'dak li jirrigwardja l-finanzjament tal-Fornituri tas-Servizz għall-Kondizzjoni ta' Persuni Mingħajr Dar, l-Istat jappoġġja organizzazzjonijiet mhux governattivi u mingħajr skop ta' qligħ li joffru dawn is-servizzi. Fl-2021, il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal investa fi ftehimiet soċjali ma' 6 organizzazzjonijiet mhux governattivi b'allokazzjoni finanzjarja ta' madwar EUR 2 miljun.

### *L-Akkomodazzjoni Soċjali*

L-akkomodazzjoni adegwata tingħata prijorità speċifika mill-Gvern, l-aktar permezz tal-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali – li jiffoka fuq il-ġestjoni tal-akkomodazzjoni soċjali, l-akkomodazzjoni affordabbli, il-kiri, kif ukoll il-ġestjoni u t-tisbiħ ta' proġetti ta' akkomodazzjoni. Is-Sistema Nazzjonali tal-Akkomodazzjoni hija bbażata fuq erba' pilastri: In-Nies, il-Konnettività, is-Sostenibbiltà u d-Diġitalizzazzjoni u ġiet imnedija f' Awwissu 2020; u tipprovdi viżjoni fit-tul għall-akkomodazzjoni adegwata f'Malta.

F'dan ir-rigward, il-Gvern jipprovdi programm estensiv għall-akkomodazzjoni soċjali li jinkludi akkomodazzjoni soċjali mingħajr ħlas għal madwar 9 000 familja. Barra minn hekk, il-Gvern jipprovdi wkoll sussidji ta' akkomodazzjoni diretti lil 2 900 familja oħra. Huwa stmat li dawn is-sussidji ta' akkomodazzjoni jassistu lil familji b'introjtu aktar baxx b'madwar EUR 3 600 fis-sena. Għadd ta' skemi huma offruti wkoll biex isebbħu u jirrestawraw, kif ukoll biex iżidu u jammeljoraw unitajiet ta' akkomodazzjoni soċjali eżistenti; u biex is-sjieda tad-djar issir aktar aċċessibbli u affordabbli għal persuni f'kategoriji ta' introjtu baxx. Fl-istess ħin, familji fil-kategoriji ta' introjtu baxx huma megħjuna wkoll permezz ta' għadd ta' miżuri biex jindirizzaw il-faqar enerġetiku. Dawn jinkludu ż-żewġ tipi ta' Benefiċċji tal-Enerġija[52], l-iskema tat-Tnaqqis Ekoloġiku[53]u Skemi Finanzjarji mmirati lejn it-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u l-ilma f'familji b'introjtu baxx permezz tas-sostituzzjoni ta' apparat antik u mhux effiċjenti. Bħalissa qed titwettaq riċerka biex applikanti għall-akkomodazzjoni u benefiċjarji tal-akkomodazzjoni soċjali jkunu jistgħu jiġu offruti pjan komprensiv biex jaċċessaw is-servizzi, filwaqt li jiġu indirizzati sfidi ewlenin li jwassluhom biex ifittxu akkomodazzjoni alternattiva. Dan qed isir permezz tat-tfassil ta' profili ta' applikanti tal-akkomodazzjoni soċjali, kif ukoll permezz tat-tfassil ta' pjanijiet biex jiġu assistiti applikanti bi ħtiġijiet differenti li għandhom applikazzjonijiet pendenti għal akkomodazzjoni alternattiva.

### *Kura bbażata fil-Komunità u Foster Care*

Il-Gvern jipprovdi kura residenzjali[54] għal tfal li jeħtieġu l-kura permezz ta' 7 idjar komunitarji li jospitaw għadd żgħir ta' tfal flimkien fil-komunità. Barra minn hekk, xi tfal jitpoġġew f'familji ta' foster care. It-tfal kollha f'kura alternattiva (inkluż foster care) jiġu vvalutati fl-ewwel snin tal-esperjenza tagħhom fil-kura u l-valutazzjonijiet jitwettqu fuq bażi regolari bil-għan li tiġi stabbilita l-fattibbiltà tar-ritorn lura tat-tfal fil-familja bijoloġika. Meta ma jkunx possibbli r-ritorn fil-familji bijoloġiċi, jitħejja pjan ta' permanenza biex jiġu offruti stabbiltà u sigurtà lit-tfal billi jitqiesu x-xewqat u l-aħjar interessi tagħhom.

Jeżistu diversi skemi li jappoġġjaw liż-żgħażagħ li jitilqu mis-sistema tal-kura hekk kif iż-żgħażagħ jimxu lejn għajxien indipendenti. Dawn l-iskemi jinkludu l-għajxien semi-indipendenti u l-akkomodazzjoni ta' appoġġ għaż-żgħażagħ li jaqbżu l-età li fiha jistgħu jgħixu fil-kura istituzzjonali jew fiċ-ċentri ta' riabilitazzjoni, għal dawk mingħajr dar u għal żgħażagħ oħra f'riskju, għal persuni li jbatu minn problemi tas-saħħa mentali, għal vittmi adulti jew tfal tal-vjolenza domestika u għal persuni b'diżabilità.

Programmi ta' Akkomodazzjoni Speċjalizzati huma offruti wkoll lil diversi koorti matul il-ħajja, inkluż lil familji bit-tfal u biż-żgħażagħ. Dawn il-programmi huma kombinazzjoni ta' provvista ta' disinn domestiku inklużiv u servizz speċjalizzat. Barra minn hekk, il-Gvern investa f'servizz ta' ħidma ma' żgħażagħ li jkunu ħarġu minn ċentri ta' kura u ma' żgħażagħ vulnerabbli. L-għan ta' dawn is-servizzi mhuwiex biss li jiġu żviluppati l-ħiliet soċjali, iżda anki biex iż-żgħażagħ jiġu megħjuna jinvolvu ruħhom fit-taħriġ biex jitgħallmu ħiliet ġodda u jsiru aktar impjegabbli.

It-Tabella 16 li jmiss fiha informazzjoni dwar il-miżuri ewlenin li jindirizzaw l-akkomodazzjoni għat-tfal:

---

52. L-Iskema tal-Benefiċċji tal-Enerġija għandha l-għan li timmitiga l-effett taż-żieda fin-nefqa fuq il-kontijiet tal-ilma u tal-elettriku ta' familji b'introjtu baxx. Bl-Iskema tal-Benefiċċji tal-Enerġija, il-konsum tal-elettriku jitnaqqas bi 30%, b'assistenza massima sa EUR 75 fis-sena għal kull persuna fil-familja, filwaqt li l-Iskema tal-Benefiċċji tal-Enerġija - Umanitarji, il-konsum tal-elettriku jitnaqqas bi 80%.

53. L-Iskema tat-Tnaqqis Ekoloġiku tinċentivizza l-effiċjenza u l-konsum aktar baxx, filwaqt li għandha wkoll effett pożittiv fuq il-kontijiet ta' familji b'introjtu baxx li jirċievu tnaqqis dirett fil-kont tal-elettriku tagħhom.

54. Djar b'aċċess għal servizzi pprovduti fil-komunità. Xi djar huma koperti u megħjuna mill-Gvern permezz ta' Sħubija bejn il-Pubbliku u s-Soċjetà (PSP).

TABELLA 16. MIŻURI LI JINDIRIZZAW L-AKKOMODAZZJONI GĦAT-TFAL

| | |
|---|---|
| **Gruppi fil-mira li qed jiġu indirizzati minn miżuri kontinwi / ippjanati** | Familji bi tfal li jesperjenzaw privazzjoni tal-akkomodazzjoni<br><br>Il-familji kollha b'introjtu baxx bit-tfal, b'mod partikolari l-familji kollha b'introjtu baxx bit-tfal li qed jikru akkomodazzjoni<br><br>Familji bi tfal b'diżabilità |
| **Miżuri Kontinwi / Ippjanati** | • Il-prijoritizzazzjoni ta' familji bit-tfal fil-politika dwar l-**allokazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali**.<br><br>• **Skema biex tiġi pprovduta assistenza finanzjarja** biex dawk b'introjtu baxx ikunu jistgħu jrendu d-dar tagħhom effiċjenti fl-enerġija.<br><br>• **Assistenza finanzjarja biex tgħin fil-ħlas tal-kera** li hija mmirata lejn familji b'introjtu baxx bit-tfal biex dawn ma jħallsux aktar minn 25% tal-introjtu tagħhom f'kera. Il-benefiċċju jvarja skont l-introjtu annwali tal-applikanti, il-kompożizzjoni tal-familja u l-kera mħallsa minnhom.<br><br>• Prijoritizzazzjoni ta' familji bi tfal b'diżabilità fuq il-**lista ta' stennija għall-akkomodazzjoni soċjali**.<br><br>• Qed jinbnew **diversi unitajiet ta' akkomodazzjoni** li huma mfassla b'mod speċifiku għal individwi li jbatu minn diżabbiltà u dawn għandhom jiġu allokati kif xieraq.<br><br>• **Skema Sens-Ability** biex tiġi pprovduta assistenza finanzjarja ta' mhux aktar minn EUR 6 000 lil kull familja biex il-ġenituri tat-tfal u l-adulti b'awtiżmu jew li għandhom diffikultà biex jipproċessaw informazzjoni sensorjali, jagħmlu kamra sensorjali fid-dar tagħhom.<br><br>• **Benefiċċji tal-Enerġija**: Iż-żewġ tipi ta' benefiċċji tal-enerġija jimmitigaw l-effett taż-żieda fin-nefqa fuq il-kontijiet tal-ilma u tal-elettriku ta' familji b'introjtu baxx. Bl-Iskema tal-Benefiċċji tal-Enerġija, il-konsum tal-elettriku jitnaqqas bi 30%, b'assistenza massima sa EUR 75 fis-sena għal kull persuna fil-familja, filwaqt li bl-Iskema tal-Benefiċċji tal-Enerġija– Umanitarji, il-konsum tal-elettriku jitnaqqas bi 80%.<br><br>• **Għadd ta' djar komunitarji** li jospitaw għadd żgħir ta' tfal flimkien fil-komunità: L-għan huwa li l-aħwa jinżammu flimkien jew inkella li jiġi pprovdut ambjent sigur u stabbli b'aktar attenzjoni individwali biex jirnexxu. Ħaddiema ta' appoġġ joffru kura lil dawn it-tfal u l-professjonisti kollha jiżguraw li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet olistiċi tagħhom. |
| **Baġit Annwali Indikattiv** | €70,000,000 |

# MIŻURI PPJANATI 2022-2027

# 3. MIŻURI PPJANATI 2022-2027

Għall-perjodu 2022-2027, il-Gvern alloka total ta' EUR 145 miljun għall-Garanzija għat-Tfal biex jissaħħaħ l-impenn tagħha ta' opportunitajiet ugwali fost it-tfal. Filwaqt li jibni fuq miżuri eżistenti, dan l-investiment huwa maħsub biex jappoġġja lit-tfal kollha, inklużi t-tfal fil-bżonn, bil-għan li jgħin lit-tfal jirnexxu.

Miżuri ppjanati jiffokaw fuq il-provvista ta' materjal ta' tagħlim, aċċess għall-internet, kif ukoll parteċipazzjoni f'attivitajiet, fost affarijiet oħra. Dawn il-miżuri huma mistennija jikkontribwixxu b'mod pożittiv kemm lejn l-iżvilupp tat-tfal kif ukoll bħala mezz ta' inklużjoni.

It-Tabella 17 hawn taħt tagħti l-miżuri ppjanati. Dawn il-miżuri se jkunu qed jibnu fuq inizjattivi eżistenti filwaqt li fl-istess ħin jindirizzaw kwalunkwe ostakli finanzjarji u mhux finanzjarji għall-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, l-edukazzjoni u attivitajiet ibbażati fl-iskola. B'mod speċifiku, dawn il-miżuri jissodisfaw is-subklawżoli (f), (g), (h) u (j) li ġejjin li jinsabu taħt il-klawżola 7 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal għal "Edukazzjoni u Kura Bikrija tat-Tfal, Edukazzjoni Inklużiva u Attivitajiet Ibbażati fl-Iskola, u Ikla Bnina Kull Jum tal-Iskola"

(f) jipprovdu mill-inqas ikla waħda tajba għas-saħħa kull jum tal-iskola;
(g) jiżguraw il-provvista ta' materjali edukattivi, inkluż għodod edukattivi diġitali, kotba, uniformijiet jew kwalunkwe lbies meħtieġ, fejn applikabbli;
(h) jipprovdu konnettività ta' veloċità għolja, servizzi diġitali u tagħmir adegwat meħtieġ għat-tagħlim mill-bogħod sabiex jiġi żgurat l-aċċess għall-kontenut edukattiv online, kif ukoll biex jitjiebu l-ħiliet diġitali tat-tfal fil-bżonn u tal-għalliema u jsir l-investiment meħtieġ biex jindirizzaw il-forom kollha tad-distakk diġitali;
(j) jiżguraw aċċess ugwali u inklużiv għal attivitajiet ibbażati fl-iskola, inkluż il-parteċipazzjoni fl-attivitajiet sportivi, artistiċi u kulturali

TABELLA 17. MIŻURI PPJANATI GĦAL GARANZIJA GĦAT-TFAL

| | |
|---|---|
| **Gruppi fil-Mira li qed jiġu indirizzati mill-miżuri kontinwi/ ippjanati** | It-tfal kollha bl-eta ta' 0 sa 17-il sena u l-ġenituri tagħhom |
| **Miżuri Ppjanati** | • **Tnaqqis tat-taxxa minn EUR 100 għal EUR 300 fis-sena għal ġenituri li jibagħtu lit-tfal tagħhom għal attivitajiet sportivi, artistiċi jew kulturali** Ġenituri li l-introjtu tagħhom mhuwiex taxxabbli jirċievu l-istess ammont fil-forma ta' għotja sa EUR 300.<br><br>• **L-estensjoni tas-servizz tal-kura tat-tfal mingħajr ħlas għat-tfal kollha, irrispettivament minn jekk jaħdmux il-ġenituri tagħhom jew le.** Barra minn hekk, is-servizz offrut miċ-ċentri tal-kura tat-tfal se jittejbu biex ikunu żgurati manutenzjoni tajba u taħriġ edukattiv tal-ogħla livell.<br><br>• **Distribuzzjoni ta' sett ta' kotba fis-sena lit-tfal kollha tal-iskola primarja**, sabiex ikunu jistgħu jibnu librerija żgħira fid-dar tagħhom.<br><br>• **L-estensjoni tal-inizjattiva tablet wieħed għal kull tifel jew tifla** u d-distribuzzjoni ta' laptop ġdid lil kull student fis-seba' sena tiegħu.<br><br>• L-istudenti kollha tal-iskola primarja u sekondarja minn familji li jaqilgħu EUR 14,300 jew inqas se jkunu intitolati għal uniformi waħda mingħajr ħlas u **servizz tal-internet bażiku kull sena**.<br><br>• **L-estensjoni tal-inizjattiva tal-Iskema 9** sabiex tfal eliġibbli ma jkollhomx bżonn jagħżlu mis-servizzi offruti iżda jkunu eliġibbli għal kull wieħed minnhom. Nuċċalijiet tal-vista mingħajr ħlas lit-tfal li għandhom bżonnhom, se jiżdiedu mal-lista eżistenti ta' servizzi offruti. |
| **Baġit Annwali Indikattiv** | €29,000,000 fis-sena li minnhom madwar €7 000 000 huma stmati li jkunu mmirati b'mod speċifiku lejn it-tfal AROPE. |

# SENSIBILIZZAZZJONI

# 4. SENSIBILIZZAZZJONI

Is-sistema tal-protezzjoni soċjali ta' Malta tipprovdi diversi benefiċċji soċjali u servizzi in natura li huma mmirati lejn id-diversi dimensjonijiet tal-benessri filwaqt li jipproteġu u jissalvagwardjaw ukoll lit-tfal f'Malta, inklużi t-tfal AROPE. Dawn kienu bbażati fuq mudell mingħajr ħlas fil-punt ta' aċċess, u b'hekk jiġi żgurat li ftit li xejn ikun hemm ostakli għall-aċċess. Filwaqt li proċeduri ta' operat attwali qed jiġu rieżaminati u mtejba regolarment, is-snin reċenti raw żieda fil-fokus fuq inizjattivi bbażati fil-komunità u ta' sensibilizzazzjoni fi strateġiji ewlenin u pjanijiet ta' azzjoni mmirati lejn is-saħħa, l-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni u l-protezzjoni soċjali.

Malta kkonsolidat is-servizzi kollha tal-gvern permezz ta' Servizz.gov li joffri sit elettroniku, telefon bla ħlas apposta u network ta' punti uniċi ta' kuntatt biex tiġi ffaċilitata l-aċċessibbiltà, tiġi pprovduta l-informazzjoni u jiġu ffaċilitati proċeduri ta' applikazzjoni għall-pubbliku ġenerali. Barra minn hekk, Ministeri u korpi statutorji oħra li għandhom il-preżenza online tagħhom stess, jorganizzaw avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni regolari u jipparteċipaw f'avvenimenti tal-midja bl-objettiv li jipprovdu informazzjoni rilevanti lill-pubbliku ġenerali.

F'dan ir-rigward, it-taqsimiet t'hawn taħt jiddeskrivu l-inizjattivi ewlenin ta' sensibilizzazzjoni li qed jitwettqu.

### 4.1 L-EDUKAZZJONI U L-KURA BIKRIJA TAT-TFAL, L-EDUKAZZJONI INKLUŻIVA U ATTIVITAJIET IBBAŻATI FL-ISKOLA U IKLA BNINA KULL JUM TAL-ISKOLA

Malta tipprovdi servizzi tal-kura tat-tfal mingħajr ħlas lit-tfal ta' ġenituri/kustodji li huma f'impjieg jew edukazzjoni. Informazzjoni u gwida fir-rigward ta' dan is-servizz huma disponibbli permezz tal-provvista ta' midja stampata u informazzjoni online oħra.

Diversi servizzi jiġu pprovduti bl-objettiv li tiġi promossa edukazzjoni inklużiva. Dawn is-servizzi jinkludu edukazzjoni mingħajr ħlas sal-livell universitarju, l-għoti ta' stipendji lill-istudenti biex l-istudent jiġi megħjun matul is-snin tal-istudju tiegħu, trasport mingħajr ħlas, breakfast clubs u klabbs ta' wara l-iskola fost affarijiet oħra. Barra minn hekk, servizzi mmirati bħal ħaddiema soċjali, intervent bikri u servizzi kontra l-bullying eċċ., huma disponibbli wkoll. Is-sensibilizzazzjoni għal dawn is-servizzi titwettaq permezz tal-intranet tal-iskola, push notifikcations mobbli, websajts u permezz tal-midja soċjali. Dawn l-inizjattivi jipprovdu sors aċċessibbli u f'format faċli biex jintuża ta' informazzjoni għall-ġenituri u l-istudenti.

It-tfal li jattendu l-Iskejjel mill-Kindergarten sas-Sekondarja, inklużi t-Tfal b'Diżabilità, huma mħeġġa wkoll jipparteċipaw f'għadd ta' żjarat tal-patrimonju kulturali, attivitajiet u sessjonijiet ta' informazzjoni fuq bażi regolari. Barra minn hekk, tfal identifikati minn edukaturi li jeħtieġu attenzjoni jew servizzi speċjali huma riferuti għal appoġġ/gwida mingħajr ħlas minn Kunsillieri stazzjonati fl-Iskejjel. NGOs u istituzzjonijiet edukattivi jikkollaboraw fis-sensibilizzazzjoni ta' gruppi vulnerabbli permezz ta' riferimenti jew sessjonijiet ta' informazzjoni bil-għan li titnissel is-sensibilizzazzjoni dwar diversi servizzi.

### 4.2 IL-KURA TAS-SAĦĦA

B'mod simili għas-settur tal-edukazzjoni, is-servizzi tal-kura tas-saħħa huma pprovduti fuq mudell mingħajr ħlas fil-punt ta' aċċess, u b'hekk jiġi żgurat li ftit li xejn ikun hemm ostakli għall-aċċess. Inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni jinkludu: tixrid ta' informazzjoni permezz ta' modalitajiet tas-suq tal-massa bħal fuq billboards, kartelluni u fuljetti, websajt apposta, l-immirar permezz tal-midja soċjali, reklami promozzjonali fuq it-televiżjoni u r-radju u l-parteċipazzjoni ta' esperti tas-saħħa fil-midja.

B'attenzjoni fuq it-tfal, is-Servizzi tal-Parentcraft jipprovdu edukazzjoni u appoġġ. Dawn huma mmirati fost affarijiet oħra lejn koppji li jkunu qed jistennew tarbija, gruppi ta' trabi u kustodji oħra. Kliniki mmirati oħra jagħtu attenzjoni multidixxiplinarja speċifika għall-problema għal kwistjonijiet ewlenin bħat-treddigħ u l-obeżità pedjatrika. Sensibilizzazzjoni għal dawn is-servizzi speċifiċi hija permezz ta' handouts, kotba żgħar, websajt apposta li tinkludi moduli ta' vidjos online, programm ta' kull ġimgħa fuq ir-radju u parteċipazzjoni usa' fil-midja.

Nutrizzjoni tajba għas-saħħa hija essenzjali għall-iżvilupp tat-tfal. Malta qed tieħu approċċ b'diversi aspetti għall-indirizzar tal-isfidi ffaċċjati mill-obeżità fit-tfal, inkluż permezz ta' leġiżlazzjoni li tirregola l-provvista ta' ikel u xorb fl-iskejjel[55].

55. Avviż Legali tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 266 tal-2018: Ir-Regolamenti dwar l-Akkwist tal-Ikel għall-Iskejjel (Procurement of Food for Schools Regulations) (Disponibbli fuq:https://legislation.mt/eli/sl/550.1/eng/pdf) Aċċessati fil-15/12/2021

Diversi inizjattivi ta' stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa u miżuri preventivi fil-komunità ġew introdotti wkoll fl-iskejjel. Dan jikkontribwixxi għall-benessri ġenerali tat-tfal u jingħata prijorità għolja fil-kurrikuli tal-edukazzjoni. L-edukazzjoni fiżika u dwar in-nutrizzjoni tingħata lill-istudenti tas-Sena 7 u s-Sena 8 fl-iskejjel sekondarji tal-Istat bil-għan li jiġu mħeġġa drawwiet u stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa.

Il-promozzjoni ta' stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa u inizjattivi għall-iżvilupp tat-tfal se tkompli tiġi pprovduta mill-entitajiet tas-saħħa stabbiliti tal-gvern permezz ta' promozzjonijiet fuq il-midja u online. Dawn iqajmu s-sensibilizzazzjoni dwar il-ħtieġa ta' attività fiżika u mobbiltà.

## 4.3 AKKOMODAZZJONI ADEGWATA

Kien hemm investiment konsistenti fl-akkomodazzjoni soċjali. Miżuri ta' sensibilizzazzjoni jiġu pprovduti online permezz ta' websajt u fuq il-midja soċjali, anki permezz ta' network ta' punti uniċi ta' kuntatt ta' Servizz.gov u ċ-ċentri LEAP. Miżuri oħra ta' sensibilizzazzjoni jinkludu d-distribuzzjoni ta' fuljetti informattivi u parteċipazzjoni fuq programmi tal-midja.

## 4.4 PROTEZZJONI SOĊJALI

Miżuri ta' sensibilizzazzjoni tal-protezzjoni soċjali mmirati lejn it-tfal jiġu pprovduti permezz ta' network estensiv permezz ta' aġenziji apposta tal-gvern. Inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni huma pprovduti wkoll fuq websajt online, telefon bla ħlas, parteċipazzjoni ta' kull ġimgħa fuq programmi fuq it-televiżjoni u r-radju u pjattaformi tal-midja soċjali. Dawn li ġejjin huma ftit eżempji:

- Iċ-Ċentru tal-Familja Servizz.gov jipprovdi assistenza fir-rigward tas-sigurtà soċjali u l-protezzjoni soċjali.

- Iċ-Ċentri LEAP ġew imsaħħa biex iwessgħu s-sensibilizzazzjoni tagħhom permezz tal-programm "Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD)" u l-Iskema tad-Distribuzzjoni tal-Ikel Iffinanzjat mill-Istat. Dawn joffru pakketti tal-ikel lil familji vulnerabbli, filwaqt li jiffaċilitaw kunsens għal żjara fid-djar minn mentor ta' LEAP.

- L-iskemi u s-servizzi Jobsplus (Is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi ta' Malta) jistgħu jinsabu online, permezz tal-midja soċjali u permezz ta' network estensiv ta' Ċentri tal-Impjiegi.

- Il-gvern jorganizza wkoll avvenimenti nazzjonali u jippromwovi bullettini mmirati dwar diversi suġġetti mxerrda lil edukaturi, timijiet psikosoċjali tal-iskola, ġenituri u studenti.

- Tim ta' ħaddiema żgħażagħ u soċjali huwa mmirat lejn dawk barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETS) u jwettaq żjarat bieb bieb biex jimmassimizza s-sensibilizzazzjoni. Iż-żgħażagħ li jew qed jirreġistraw għax-xogħol jew huma inattivi jistgħu jaċċessaw servizzi direttament fiċ-Ċentri tal-Impjiegi jew online permezz ta' portal online speċifiku għaż-żgħażagħ.



# FONDI TAL-UE (ESF+)

# 5. FONDI TAL-UE (FSE+)

F'konformità mal-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013, l-Istati Membri għandhom jallokaw ammont xieraq tar-riżorsi tagħhom tal-fergħa b'ġestjoni kondiviża tal-FSE+ biex jiġi indirizzat il-faqar fost it-tfal. Fid-dawl tal-fatt li għadhom għaddejjin diskussjonijiet dwar il-programmazzjoni bejn l-awtoritajiet Maltin u l-Kummissjoni, l-ammont eżatt se jkun magħruf biss ladarba jiġi finalizzat il-Programm Operazzjonali FSE+.

# IL-GOVERNANZA, IL-MONITORAĠĠ U R-RAPPORTAR

# 6. IL-GOVERNANZA, IL-MONITORAĠĠ U R-RAPPORTAR

## 6.1. IL-MONITORAĠĠ

Il-Pjan ta' Azzjoni se jiġi mmonitorjat minn MSPC fuq bażi biannwali biex ikun żgurat li l-objettivi deskritti jiġu implimentati permezz tad-diversi miżuri u politiki kif xieraq.

Implimentazzjoni effettiva u monitorjata sew tal-Garanzija għat-Tfal ma tkunx possibbli mingħajr l-impenn tal-Ministeri kollha involuti fl-iżvilupp u l-provvista tas-servizzi rilevanti kollha. F'dan il-kuntest, il-Ministeri se jkunu mistennija jipprovdu l-informazzjoni u l-aġġornamenti neċessarji fil-forma ta' rapporti.

Għall-fini tal-Garanzija għat-Tfal, it-tfal "f'familji f'sitwazzjonijiet prekarji (fraġilità ekonomika)" se jfissru dawk il-familji kollha li għandhom it-tfal taħt it-18-il sena u li l-introjtu tagħhom ma jaqbiżx il-Paga Minima Nazzjonali. F'dan il-kuntest, l-immirar tal-politika, il-monitoraġġ u r-rapportar se jkunu bbażati fuq is-sett eżistenti li ġej ta' indikaturi kif muri fit-Tabella 18 li ġejja.

TABELLA 18. INDIKATURI RILEVANTI

| Indikatur | Data Disponibbli 2020 |
|---|---|
| It-tfal AROPE li jgħixu f'familja b'ġenitur wieħed | Familji b'Ġenitur Wieħed b'tifel jew tifla AROPE dipendenti wieħed/waħda jew aktar: **51.5%** (8,154)[56] |
| Tfal li jgħixu f'familji b'introjtu baxx | Children AROPE[57]: 20.4% (17 000 persuna taħt it-18-il sena)<br>Tfal f'Familji b'Intensità ta' Xogħol Baxxa[58]: **5.4%**<br>Tfal li jesperjenzaw Privazzjoni Materjali u Soċjali Severa[59]: **7.1%**<br>Tfal li jesperjenzaw Privazzjoni Materjali u Soċjali[60]: **10.3%** |

### *Koordinatur tal-Garanzija għat-Tfal*

Biex jiġu ffaċilitati komunikazzjoni u monitoraġġ tal-implimentazzjoni, ġie maħtur Koordinatur tal-Garanzija għat-Tfal. Il-Koordinatur tal-Garanzija għat-Tfal se jservi bħala punt ta' kuntatt ċentrali li se jikkollabora mal-entitajiet rilevanti għall-ġbir flimkien tal-informazzjoni msemmija qabel.

Biex jassisti lill-Koordinatur tal-Garanzija għat-Tfal, il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal stabbilixxa Taqsima speċjalizzata ġdida, taħt l-isem tat-Taqsima tad-Drittijiet tat-Tfal. Din it-Taqsima se taqa' fl-ambitu tad-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u l-Implimentazzjoni tal-Programm li huwa wkoll id-Direttorat bil-kompitu tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni f'dak li jirrigwardja l-inizjattivi Internazzjonali u Ewropej.

It-Taqsima tad-Drittijiet tat-Tfal se tkun qed tiffoka fuq diversi oqsma relatati direttament mat-tfal u se tkun responsabbli għall-implimentazzjoni ġenerali tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal fis-setturi kollha tal-gvern.

## 6.2. IR-RAPPORTAR

L-informazzjoni miksuba mill-Ministeri rilevanti se tinġabar u tiġi analizzata u interpretata biex tinforma l-abbozzar ta' rapport li għandu jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni kull sentejn f'konformità mar-rakkomandazzjoni.

Dan ir-rapport se jiddeskrivi l-progress sostnut, kif ukoll kwalunkwe distakk għal konsolidazzjoni potenzjali tal-politiki

56. NSO. 2020. EU-SILC 2019: Salient Indicators. Aċċessat fuq: https://nso.gov.mt/en/News_Releases/Documents/2021/12/News2021_221.pdf [Aċċessat fil-11/01/2022]

57. Eurostat. 2021. At-risk-of-poverty rate by poverty threshold, age and sex - EU-SILC and ECHP surveys [ilc_li02]. Aċċessat fuq: https://appsso.eurostat.ec.europa.eu/nui/show.do?dataset=ilc_li02&lang=en. [Aċċessat fil-11/01/2022]

58. Eurostat. 2021. People living in households with very low work intensity by age and sex (population aged 0 to 59 years) [ilc_lvhl11]. Aċċessat fuq: http://appsso.eurostat.ec.europa.eu/nui/show.do?dataset=ilc_lvhl11&lang=en. [Aċċessat fil-11/01/2022]

59. Eurostat. 2021. Severe material and social deprivation rate by age and sex [ilc_mdsd11]. Aċċessat fuq: https://appsso. eurostat.ec.europa.eu/nui/show.do?dataset=ilc_mdsd11&lang=en. [Aċċessat fil-11/01/2022]

60. Eurostat. 2021. Material and social deprivation rate by age and sex [ilc_mdsd07]. Aċċessat fuq https://appsso.eurostat.ec.europa.eu/nui/show.do?dataset=ilc_mdsd07&lang=en. [Aċċessat fit-12/10/2021]

# RIMARKI FINALI

u servizzi għal tfal vulnerabbli.



# 7. RIMARKI FINALI

It-tfal huma l-futur tas-soċjetà u huwa rilevanti li nkomplu niżguraw li t-tfal kollha jkunu jistgħu jilħqu l-potenzjal tagħhom.

It-tfulija tibqa' stadju tal-ħajja kkaratterizzata minn vulnerabbiltà u sfidi relattivi bħall-faqar u l-esklużjoni soċjali. Filwaqt li fil-livell nazzjonali l-politika tat-tfal dejjem ingħatat attenzjoni sinifikanti, fis-snin reċenti l-Gvern ikkunsidra "t-tfulija" bħala prijorità fil-kuntest tat-tfassil tal-politika u l-provvista tas-servizz. Il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għal Garanzija għat-Tfal ikompli jibni fuq qafas robust eżistenti.

It-tfal kollha li jgħixu fil-kuntest Malti qed jiġu offruti servizzi aċċessibbli li jindirizzaw għadd kbir ta' aspetti tal-benessri tagħhom. L-edukazzjoni u l-kura bikrija kif ukoll il-kura tas-saħħa huma – fil-biċċa l-kbira tagħhom - mingħajr ħlas għat-tfal kollha. Barra minn hekk, Malta tħabbrek biex tiżgura li jintlaħqu u jinżammu l-istandards għan-nutrizzjoni u l-akkomodazzjoni adegwati u li l-ebda tifel jew tifla ma jitħallew jibqgħu lura fl-akkwist tar-riżorsi li huma meħtieġa għall-iżvilupp olistiku fiżiku, mentali u soċjali.

Il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali (NAP) għal Garanzija għat-Tfal għandu l-għan li jindirizza r-realtajiet kumplessi ffaċċjati minn tfal partikolarment żvantaġġjati, biex b'hekk ikunu possibbli l-progress soċjali u l-iżvilupp sostenibbli ġenerali.

**GVERN TA' MALTA**
MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI
U D-DRITTIJIET TAT-TFAL

**familja**.gov.mt